KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI

V. TRSTENJAK

ippreżentati fl-24 ta' Jannar 2008 [1]

Werrej

I — Introduzzjoni . . . . . I - 183

II — Il-kuntest ġuridiku . . . . . I - 184

A — Id-dritt Komunitarju . . . . . I - 184

B — Il-leġiżlazzjoni nazzjonali . . . . . I - 184

1. Il-liġi . . . . . I - 184

2. Il-ftehim kollettivi applikabbli . . . . . I - 185

III — Il-fatti, il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari . . . . . I - 186

IV — Il-proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja . . . . . I - 189

V — L-argumenti prinċipali tal-partijiet . . . . . I - 189

VI — L-analiżi ġuridika . . . . . I - 191

A — Fuq l-ewwel domanda . . . . . I - 191

1. Osservazzjonijiet preliminari . . . . . I - 191

2. Id-dritt għal-leave annwali bil-ħlas bħala dritt soċjali fundamentali . . . . . I - 192

3. Id-dritt għal-leave annwali minimu bil-ħlas fid-dritt Komunitarju . . . . . I - 196

a) Il-kompetenza ta' traspożizzjoni tal-Istati Membri . . . . . I - 196

b) Il-livell ta' protezzjoni garantit mid-dritt Komunitarju . . . . . I - 198

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

c) Rabta bejn id-dritt għal-leave u l-kapaċità għax-xogħol . . . . . I - 200

i) Applikazzjoni b'analoġija tal-prinċipji żviluppati mill-ġurisprudenza I - 200

ii) Inkompatibbiltà mal-għan tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 I - 202

— Riskju ta' interpretazzjoni li tmur kontra l-għan segwit . . . . . I - 202

— Interpretazzjoni fid-dawl tal-interessi tal-partijiet fil-kuntratt tax-xogħol . . . . . I - 203

iii) Paragun mar-regoli previsti fil-Konvenzjoni Nru 132 tal-ILO . . . . I - 204

B — Fuq it-tieni domanda . . . . . I - 205

C — Fuq it-tielet domanda . . . . . I - 207

VII — Konklużjoni . . . . . I - 209

I — Introduzzjoni

1. Bit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari tagħha, il-Landesarbeitsgericht Düsseldorf titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja, bis-saħħa tal-Artikolu 234 KE, sabiex tinterpreta l-Artikolu 7(1) u (2) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2003/88/KE, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol [2] (iktar 'il quddiem "id-Direttiva 2003/88").

2. Id-domandi preliminari ġew imqajma fil-kuntest ta' kawża bejn Gerhard Schultz-Hoff (ir-rikorrent) u l-kumpannija li kienet timpjegah, il-Deutschen Rentenversicherung (il-konvenuta fil-kawża prinċipali), fejn il-qorti tar-rinviju hija msejħa tiddeċiedi jekk l-appellant jistax jitlob ħlas kumpensatorju għal-leave mingħand l-appellata wara t-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' impjieg.

3. Essenzjalment, il-qorti tar-rinvju tistaqsi jekk il-fatt li d-dritt ta' ħaddiem li jikseb leave minimu bil-ħlas ta' erba' ġimgħat jispiċċa fl-aħħar tas-sena ta' referenza, iżda mhux iktar tard mit-tmiem tal-perijodu tal-ġarr tal-leave, u li f'każ li r-relazzjoni ta' impjieg tkun spiċċat, il-leave ma jistax jiġi ssostitwit bi ħlas kumpensatorju meta l-ħaddiem ikun, suċċessivament, inkapaċi li jaħdem minħabba mard sat-tmiem tal-perijodu tal-ġarr tal-leave huwiex kompatibbli mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88.

2 — ĠU L 299, p. 9.

II — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt Komunitarju*

4. Id-Direttiva 2003/88 daħlet fis-seħħ fit-2 ta' Awwissu 2004 sabiex tissostiwixxi d-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE tat-23 ta' Novembru 1993 dwar xi aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol [3]. Bħad-direttiva preċedenti, hija għandha l-għan li tistabbilixxi ċerti regoli minimi ta' sigurtà u ta' ħarsien tas-saħħa fl-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol. L-Artikolu 7 ta' din id-direttiva, kif riprodott mingħajr bdil mid-direttiva preċedenti, jipprovdi dan li ġej:

"Leave annwali

(1) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li kull ħaddiem ikun intitolat għal-leave annwali bil-ħlas ta' mill-anqas erba' ġimgħat b'konformità mal-kondizzjonijiet għall-intitolament għal, u l-għoti ta', leave bħal dan stabbilit bil-leġiżlazzjoni nazzjonali u/jew bil-prattika.

(2) Il-perjodu minimu ta' leave annwali bil-ħlas ma jistax ikun mibdul b'pagament ta' benefiċċji bħala kumpens, apparti minn meta r-relazzjoni ta' l-impieg tkun ġiet itterminata."

3 — ĠU L 307, p. 18.

5. L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2003/88 jipprovdi li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn ċerti dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija direttiva. Madankollu l-ebda deroga ma hija ammessa fir-rigward tal-Artikolu 7.

B — *Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

1. Il-liġi

6. Il-liġi federali dwar il-leave ("Bundesurlaubsgesetz", iktar 'il quddiem : il-"BUrlG") tat-8 ta' Jannar 1963, fil-verżjoni tagħha tas-7 ta' Mejju 2002, tipprovdi b'mod partikolari dan li ġej:

"*L-ewwel Artikolu — Dritt għal-leave*

Kull ħaddiem għandu dritt għal-leave bil-ħlas għal kull sena kalendarja.

[…]

Artikolu 3 — Żmien tal-leave

(1) Il-leave għandu jkun ta' almenu 24 ġurnata tax-xogħol kull sena.

[…]

Artikolu 7 — Terminu ta' żmien, ġarr u ħlas kumpensatorju tal-leave

(1) Fl-istabbiliment taż-żmien tal-leave, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni x-xewqat tal-ħaddiema fir-rigward tal-leave, sakemm din il-kunsiderazzjoni ma tmurx kontra l-interessi primarji tal-impriża jew ix-xewqat ta' ħaddiema oħra li minħabba raġunijiet soċjali jistħoqqu li jingħataw prijorità.

(3) Il-leave għandu jingħata u jittieħed fis-sena kalendarja kurrenti. Ġarr tal-leave għas-sena kalendarja suċċessiva huwa permess biss jekk dan ikun ġustifikat minn raġunijiet urġenti marbutin mal-operazzjoni tal-impriża jew mal-ħaddiem innifsu. F'każ ta' ġarr tal-leave, il-leave jista' jingħata u jittieħed fl-ewwel tliet xhur tas-sena kalendarja sussegwenti.

(4) Jekk minħabba t-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' impjieg, il-leave ma jkunx għadu jista' jingħata totalment jew parzjalment, l-imsemmi leave għandu jiġi kkumpensat."

7. L-Artikolu 13 tal-BUrlG jipprovdi li l-ftehim kollettiv jista' jidderoga minn ċerti dispożizzjonijiet, fosthom l-Artikolu 7(3) tal-BUrlG, taħt il-kundizzjoni li dawn id-derogi ma jkunux ta' żvantaġġ għall-impjegati.

2. Il-ftehim kollettivi applikabbli

8. Il-Ftehim kollettiv ġenerali għall-impjegati tal-aġenzija federali tal-assigurazzjoni tal-impjegati (l-MTAng-BfA, iktar 'il quddiem il-"Ftehim kollettiv"), jipprovdi:

"*Artikolu 47 — Leave annwali*

(1) L-impjegati għandu jkollhom leave bil-ħlas għal kull sena ta' referenza. Is-sena ta' referenza hija s-sena kalendarja.

[…]

(7) Il-leave għandu jittieħed qabel it-tmiem tas-sena ta' referenza. Jekk ma jkunx possibbli li jittieħed il-leave qabel it-tmiem tas-sena ta' referenza, l-istess leave għandu jittieħed qabel it-30 ta' April tas-sena ta' referenza sussegwenti. Jekk il-leave ma jistax jittieħed qabel it-30 ta' April minħabba raġunijiet ta' xogħol, jew minħabba inkapaċità għax-xogħol jew minħabba l-perijodu ta' protezzjoni li jiġi wara l-leave tal-maternità, il-leave għandu jittieħed qabel it-30 ta' Ġunju. Jekk leave stabbilit matul is-sena ta' referenza għal din is-sena ta' referenza jkun ġie pospost fuq ordni tal-Bundesversicherungsanstalt für Angestellte għall-perijodu li jiġi wara l-31 ta' Diċembru tas-sena ta' referenza u l-istess leave ma setax jittieħed minħabba inkapaċità għax-xogħol qabel it-30 ta' Ġunju skont it-tieni paragrafu, dan għandu jittieħed qabel it-30 ta' Settembru.

[…]

Il-leave li ma jittieħidx fit-termini msemmija, jintilef.

[…]

Artikolu 51 — Ħlas kumpensatorju għal-leave li ma jittieħidx

(1) Jekk fil-mument tat-terminazzjoni tar-relazzjoni tal-impjieg, id-dritt għal-leave ikun għadu ma ġiex eżerċitat, il-leave, sa fejn dan ikun possibbli fl-interess tas-servizz jew tal-impriża, għandu jingħata u jittieħed waqt iż-żmien tan-notifika minn qabel tat-temm tal-impjieg. Meta l-leave ma jkunx jista' jingħata jew iż-żmien tal-avviż minn qabel tat-temm tal-impjieg ma jkunx twil biżżejjed, għandu jingħata ħlas kumpensatorju għal dak il-leave. L-istess japplika meta r-relazzjoni ta' impjieg tispiċċa skont il-kuntratt (Artikolu 58) jew minħabba tnaqqis fil-kapaċità tax-xogħol (Artikolu 59) jew meta r-relazzjoni ta' impjieg tiġi sospiża bis-saħħa tal-ħames sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 59(1).

[…]"

III — Il-fatti, il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

9. Il-partijiet ma jaqblux fuq il-fatt jekk, wara t-terminazzjoni tar-relazzjoni tal-impjieg fit-30 ta' Settembru 2005, ir-rikorrent huwiex intitolat għall-ħlas kumpensatorju għal-leave tas-snin 2004 u 2005.

10. Ir-rikorrent, li twieled fl-14 ta' Jannar 1949, kien impjegat mill-1 ta' April 1971 mal-konvenuta jew mal-predeċessur tagħha. Il-ftehim kollettiv ġenerali għall-impjegati tal-BfA kien japplika għar-relazzjoni ta' impjieg bejn il-partijiet. Dak iż-żmien, ir-rikorrent kien jaqa' taħt il-kategorija ta' kumpens 11. Sa mill-1985, huwa eżerċita xogħlu bħala kollaboratur estern fil-kumpannija sussidjarja ta' Düsseldorf. Xogħlu kien jikkonsisti fit-twettiq ta' verifiki ta' impriżi u ta' aġenziji ta' ġbir ta' dejn. Huwa kellu vettura għal dan il-għan.

11. Ir-rikorrent, li huwa klassifikat bħala persuna b'diżabbiltà gravi (fi grad 60 "G" [4]) qagħad għal 16-il operazzjoni b'kollox mill-1995 minħabba problemi gravi fid-diski tas-sinsla tad-dahar. Minn dakinhar, kien hemm żmien fejn seta' jaħdem u żmien fejn ma setax minħabba mard. Fl-2004, l-appellant kien fiżikament kapaċi għax-xogħol sal-bidu tax-xahar ta' Settembru. B'effett mit-8 ta' Settembru 2004, huwa ġie ddikjarat marid permezz ta' ċertifikat mediku miftuħ sat-30 ta' Settembru 2005. Wara dak iż-żmien, l-appellant ma setax isuq il-vettura tiegħu minħabba li kien jieħu b'mod kontinwu pilloli kontra l-uġigħ li jinkludu l-morfina.

12. B'ittra tat-13 ta' Mejju 2005 l-appellant talab li jingħata l-leave għas-sena 2004 b'effett mill-1 ta' Ġunju 2005. L-appellata rrifjutat din it-talba fil-25 ta' Mejju 2005 u mmotivat din id-deċiżjoni bil-fatt li s-servizz mediku tal-impriża kellu qabel kollox jikkonstata l-kapaċità għax-xogħol bis-saħħa tal-Artikolu 7(2) tal-Ftehim kollettiv. B'ittra tal-10 ta' Awwissu 2005, ir-rikorrent talab il-possibbiltà li jwettaq xogħlu minn daru wara miżura ta' integrazzjoni mill-ġdid. Fit-tweġiba tagħha tas-6 ta' Settembru 2005, il-konvenuta informatu li hija xtaqet l-ewwel nett tistenna r-riżultat tal-proċedura għall-pensjoni wara li r-rikorrent kien applika għaliha b'notifika ta' żmien qasir.

13. F'Settembru 2005, il-konvenuta, inkwantu amministratur tal-fond ta' assigurazzjoni għall-pensjoni, iddeċidiet li r-rikorrent ma setax jaħdem u tagħtu l-pensjoni tal-invalidità għal perijodu indeterminat b'effett retroattiv mill-1 ta' Marzu 2005 minħabba l-inkapaċità totali tiegħu għax-xogħol. Huwa abbażi ta' din il-konstatazzjoni li r-relazzjoni ta' impjieg bejn il-partijiet intemmet fit-30 ta' Settembru 2005 bis-saħħa tal-Artikolu 59 tal-Ftehim kollettiv.

14. F'Novembru 2005, l-appellant ippreżenta rikors quddiem l-Arbeitsgericht Düsseldorf sabiex jitħallas tal-leave tas-sena 2004 u 2005. B'deċiżjoni tas-7 ta' Marzu 2006, l-Arbeitsgericht ċaħdet ir-rikors. L-appellant ikkontesta din id-deċiżjoni permezz ta' appell tas-27 ta' April 2006 quddiem il-qorti tar-rinviju.

4 — Il-livell ta' diżabbiltà ("GdB jew Grad der Behinderung") huwa kunċett tad-dritt Ġermaniż li jirrigwarda d-diżabbiltà gravi. Dan jinvolvi unità għall-kalkolu tal-grad ta' mankament ikkaġunat mid-diżabbiltà. Dan il-kunċett huwa użat fil-kodiċi soċjali IX — Riabilitazzjoni u parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà —. Il-GdB jista' jvarja bejn 20 u 100. Huwa mqassam fi skaluni ta' 10. Huma meqjusin bħala persuni b'diżabbiltà gravi dawk il-persuni kollha li għandhom livell ta' diżabbiltà li huwa ta' almenu 50 GdB li jiġi kkonstatat mill-uffiċċju għall-kura (Versorgungsamt) jew mill-uffiċċju tal-affarijiet soċjali. Fuq il-karta tal-identità tal-persuna b'diżabbiltà ikun hemm indikazzjoni li turi l-mankament partikolarment gravi. L-ittra "G" turi mankament fil-kapaċità ta' moviment fit-trasport fit-triq.

15. L-appellant jitlob li jitħallas lura l-ammont totali gross ta' EUR 14094.78abbażi ta' 35 ġurnata leave fis-sena u dħul mensili gross ta' EUR 4362.67. Huwa jsostni li l-leave mitlub mill-1 ta' Ġunju 2005 kellu jippermettilu li jistrieħ qabel ma jipparteċipa f'miżura ta' integrazzjoni mill-ġdid ulterjuri. Barra minn hekk, huwa jsostni li huwa kapaċi jwettaq xogħol ħafif f'uffiċċju fuq bażi part-time.

16. Min-naħa tagħha, il-konvenuta ssostni li l-attivitajiet ta' uffiċċju part-time mixtieqa mir-rikorrent ma jikkostitwixxux eżekuzzjoni min-naħa tiegħu tal-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratt ta' xogħol. Konsegwentement, peress li l-inkapaċità tar-rikorrent li jaħdem tkompli għaddejja sal-ġurnata tal-lum u d-drittijiet għal-leave ma japplikawx u huma mitlufa sat-tmiem tal-perijodu tal-ġarr tal-leave. Għaldaqstant, lanqas ma huwa intitolat għal ħlas kumpensatorju għal-leave li ma tteħidx.

17. Il-Landesarbeitsgericht ta' Düsseldorf iqis li s-soluzzjoni għal din il-kawża tiddependi mill-interpretazzjoni tad-Direttiva 2003/88. Għaldaqstant hija ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88/KE għandu jiġi interpretat fissens li l-ħaddiema għandhom f'kull każ jibbenefikaw mil-leave annwali bil-ħlas ta' almenu erba' ġimgħat, u li l-leave ma jitteħidx matul is-sena ta' referenza minħabba mard għandu jingħata wara, jew huwa possibbli li liġijiet u/jew prattiki nazzjonali jipprovdu li d-dritt għal-leave bil-ħlas jispiċċa meta l-ħaddiema jkunu inkapaċi li jaħdmu matul is-sena ta' referenza qabel l-għoti tal-leave u fejn huma ma jirkuprawx il-kapaċità li jaħdmu qabel l-aħħar tas-sena ta' referenza u/jew il-perijodu għall-ġarr tal-leave stabbilit mil-liġi, bi ftehim kollettiv jew b'kuntratt individwali?

2) L-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88/KE għandu jiġi interpretat fissens li l-ħaddiema, f'każ li tiġi terminata r-relazzjoni ta' impjieg tagħhom, għandhom f'kull każ dritt għall-ħlas kumpensatorju għal-leave dovut iżda li ma tteħidx (ħlas kumpensatorju għal-leave li ma jitteħidx), jew huwa possibbli li l-liġijiet u/jew il-prattiki nazzjonali jipprovdu li l-ħaddiema m'għandhomx dritt għall-ħlas kumpensatorju għal-leave li ma jitteħidx jekk huma jkunu inkapaċi li jaħdmu minħabba mard qabel l-aħħar tas-sena ta' referenza u/jew tal-perijodu għall-ġarr tal-leave ulterjuri u/jew wara li tiġi tterminata r-relazzjoni ta' impjieg tagħhom, huma jibbenefikaw minn pensjoni minħabba tnaqqis fil-kapaċità tagħhom li jaħdmu jew minħabba invalidità?

3) F'każ ta' risposti pożittivi għad-domandi 1 u 2:

L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dritt għal-leave jew għall-ħlas kumpensatorju jeħtieġ li l-ħaddiem ikun effettivament ħadem matul il-perijodu ta' referenza, jew jekk dan id-dritt jitnissel ukoll f'każ ta' nuqqas ġustifikata (minħabba mard) jew f'każ ta' nuqqas mhux ġustifikata matul is-sena ta' referenza kollha kemm hi?"

IV — Il-proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

18. Id-deċiżjoni tar-rinviju tat-2 ta' Awwissu 2006 waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta' Awwissu 2006.

19. L-appellant fil-kawża prinċipali, il-Gvernijiet tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tar-Renju Unit u tar-Repubblika Taljana kif ukoll il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ippreżentaw in-noti ta' osservazzjonijiet tagħhom fit-terminu previst fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

20. Waqt is-seduta tal-20 ta' Novembru 2007, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, tar-Renju Unit, tar-Renju tal-Olanda u tal-Kummissjoni għamlu s-sottomissjonijiet orali tagħhom.

V — L-argumenti prinċipali tal-partijiet

21. L-appellata ssostni li ġarr indefinit tad-dritt għal-leave tal-ħaddiema li huma kapaċi jaħdmu jmur kompletament kontra l-għan tad-direttiva (li huwa li tippromwovi s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema billi tiggarantilhom perijodi minimi ta' mistrieħ). Fir-rigward tal-ħaddiema b'diżabbiltà, ġarr indefinit tal-leave jista' saħansitra jħajjar dawk li jħaddmuhom ikeċċu qabel iż-żmien lill-ħaddiema fuq leave għal żmien twil minħabba mard bil-għan li jevitaw ir-riskju li jkunu obbligati jikkumpensaw għal ħafna leave li jakkumula fuq diversi snin f'każ li r-relazzjoni tal-impjieg tispiċċa; din is-sitwazzjoni tista' taffettwa b'mod gravi l-interessi tal-impriża.

22. Skond il-Gvern Ġermaniż, l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 jipprovdi biss li ħaddiem għandu dritt għal-leave annwali bil-ħlas ta' almenu erba' ġimgħat. Id-direttiva għandha biss l-għan li tiffissa l-perijodu minimu tal-leave annwali. Hija tħalli f'idejn il-leġiżlatur tal-Istati Membri u l-interpretaz-

zjoni tad-dritt nazzjonali permezz tal-ġurisprudenza, sabiex jiġu stabbiliti r-regoli dettaljati għall-għoti tal-leave inkluż it-telf tad-dritt għal-leave.

23. Fir-rigward tat-tieni domanda, il-Gvern Ġermaniż huwa tal-fehma li huma l-Istati membri u l-istituzzjonijiet tagħhom li għandhom jiddeċiedu jekk u f'liema kundizzjonijiet hemm lok li jipprovdu għal ħlas kumpensatorju fil-każ ta' relazzjoni ta' impjieg.

24. Skond il-Gvern Britanniku, l-appellant ma kienx jaħdem meta huwa kien bil-leave tal-mard u għaldaqstant ma kellux bżonn ta' "mistrieħ effettiv" biex jerġa' jirkupra mix-xogħol. L-għan tal-Artikolu 7 huwa li jippromwovi s-saħħa u s-sigurtà ta' dawk li jkunu fil-fatt qegħdin jaħdmu billi jiggarantilhom perijodi minimi ta' mistrieħ. Madankollu, f'dan il-każ, l-għoti tal-leave ma wassalx għal dan il-benefiċċju f'termini ta' saħħa u sigurtà tal-ħaddiem. Il-leave ma setax jittieħed qabel it-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' impjieg. Jekk ir-rikorrent kellu dritt għal-leave annwali f'dan il-każ, il-mistoqsija li tqum hija: leave minn x'hiex? Konsegwentement, ma jagħmilx sens li jsir riferiment għall-fatt li r-rikorrent jieħu l-"leave annwali tiegħu" matul il-perijodu tal-"leave tal-mard".

25. Barra minn hekk, il-Gvern Britanniku jsostni li r-risposta għat-tieni domanda tirriżulta mir-risposta għall-ewwel domanda. B'dan il-mod, ħaddiem li m'għandux dritt għal-leave annwali bil-ħlas skont l-Artikolu 7 (1) tad-Direttiva 2003/88, lanqas ma jista' jitlob ħlas kumpensatorju skont l-Artikolu 7 (2) tad-Direttiva. Barra minn hekk, għalkemm huwa minnu li bis-saħħa tal-Artikolu 7(2) dan il-kumpens huwa legali mat-terminazzjoni tal-impjieg, f'kull każ dan mhuwiex obbligatorju. Għaldaqstant, dan il-ħlas ma jistax ikun obbligatorju fil-każ fejn persuna kienet nieqsa mix-xogħol minħabba li kienet fuq leave tal-mard għal żmien twil.

26. Il-Gvern Taljan jirreferi għall-Konvenzjonijiet Nru 52 u Nru 132 tal-ILO u għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva. Fid-dawl tal-prinċipji żviluppati mill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-fehma tal-Gvern Taljan, mhuwiex possibbli li wieħed jasal għall-konlużjoni li d-dritt għal-leave tal-appellant jintilef mingħajr ma jiġu kkontestati l-għanijiet differenti tal-leave għall-mistrieħ u tal-leave tal-mard.

27. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, il-Gvern Taljan isostni li l-ħaddiema, f'każ ta' terminazzjoni tar-relazzjoni tal' impjieg, għandhom f'kull każ id-dritt għall-ħlas kumpensatorju fir-rigward tal-leave dovut iżda li ma ttieħidx. Konsegwentement, kull dispożizzjoni nazzjonali li ma tagħtix dan id-dritt għall-pagament kumpensatorju tal-leave li ma

jitteħidx waqt l-inkapaċità dovuta minħabba mard matul is-sena ta' referenza u l-perijodu tal-ġarr tal-leave tidher li mhijiex konformi mal-prinċipji Komunitarji.

28. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-argument li l-ħaddiem li kien nieqes mix-xogħol minħabba mard ma ħadimx u għaldaqstant m'għandux bżonn ta' mistrieħ mhuwiex konformi mal-prinċipji espressi mill-ġurisrprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-każ fejn ħaddiem jiġi ddikjarat marid b'ċertifikat mediku, id-dritt għal-leave annwali lanqas ma jista' jiġi kkunsidrat bħala sodisfatt, peress li l-waqfa mix-xogħol hija l-konsegwenza tal-inkapaċità għax-xogħol tal-ħaddiem u mhijiex maħsuba biex tippermettilu li jistrieħ, li jaqta' ftit u li jirkupra, iżda biex ifiq u jirkupra saħħtu u l-kapaċità tiegħu li jaħdem. Skont il-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom josservaw il-limiti li huma imposti fuqhom bid-Direttiva 2003/88. Konsegwentement, l-Istati Membri ma jistgħux jaslu biex jobbligaw lill-ħaddiem biex jieħu l-leave annwali tiegħu matul il-perijodu tal-ġarr tal-leave limitat fis-sena sussegwenti, u li jippenalizzaw in-nuqqas ta' osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet bid-dekadenza awtomatika tad-dritt għal-leave.

29. Fir-rigward tat-tieni domanda, il-Kummissjoni ssostni li l-argument li fuqu hija bbażata l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri l-possibiltà li d-dritt għal-leave annwali jiġi ssostitwit b'pagament kumpensatorju, fil-prinċipju, huwa inkompatibbli mad-Direttiva 2003/88, japplika *a fortiori* wkoll għal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi li jekk il-leave annwali ma jitteħidx, dan jintilef awtomatikament.

30. Fl-osservazzjonijiet orali tiegħu, il-Gvern Olandiż jikkontesta l-applikabbiltà tad-Direttiva 2003/88 għall-każijiet ta' assenza tal-ħaddiema minħabba mard billi jibbaża ruħu fuq il-fatt li dawn mhumiex is-suġġett ta' din il-liġi. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva huwa limitat esklużivament għall-ħaddiema li jkunu attivi, u għaldaqstant f'dan il-każ, tapplika biss il-liġi nazzjonali. Madankollu, il-varjetà ta' liġijiet nazzjonali ma tippermettix li wieħed jasal għal konklużjonijiet ġenerali f'dak li jikkonċerna d-drittijiet tal-ħaddiema morda.

VI — L-analiżi ġuridika

A — *Fuq l-ewwel domanda*

1. Osservazzjonijiet preliminari

31. Bl-ewwel domanda tagħha, il-Landesarbeitsgericht ta' Düsseldorf tqajjem il-problema dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7 (1) tad-Direttiva 2003/88, u b'mod partikolari tal-kliem "b'konformità mal-kondizzjonijiet għall-intitolament għal, u l-għoti ta', leave bħal dan stabbilit bil-leġiżlazzjoni nazzjonali u/jew bil-prattika". Mill-perspettiva ġuridika,

din il-problema ta' interpretazzjoni tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk u sa fejn l-Istati Membri għandhom is-setgħa li jiddefinixxu l-kundizzjonijiet legali li taħthom jintilef id-dritt għal-leave annwali bil-ħlas minimu.

2. Id-dritt għal-leave annwali bil-ħlas bħala dritt soċjali fundamentali

33. Jiena tal-fehma li, biex tingħata risposta xierqa lill-qorti nazzjonali, għandu jittieħed pass lura u jiġi eżaminat id-dritt għal-leave annwali nil-ħlas kemm bħala espressjoni tad-dritt sekondarju fil-kuntest tas-sistema legali Komunitarja kif ukoll fid-dawl tal-kuntest iktar ġenerali tad-drittijiet soċjali fundamentali.

32. Fir-rigward tal-kwistjoni tat-tqassim tal-kompetenzi leġiżlattivi bejn il-Komunità u l-Istati Membri fil-kuntest tad-dritt għall-leave annwali bil-ħlas, jeħtieġ l-ewwel nett li jiġi ppreċiżat li permezz tad-Direttiva 2003/88, il-leġiżlatur Komunitarju uża strument ġuridiku li, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 249 KE, iħalli lill-awtoritajiet nazzjonali ċertu marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-forom u metodi għat-traspożizzjoni, filwaqt li jimponilhom madankollu kriterji inkwantu d-direttiva torbot lill-Istati Membri fir-rigward tar-riżultat li għandu jintlaħaq [5]. Għaldaqstant, is-sistemi legali nazzjonali, fil-qasam tat-traspożizzjoni tad-dritt għal-leave annwali bil-ħlas, jingħataw marġni wiesgħa ta' diskrezzjoni minkejja li mhuwiex illimitat [6]. Konsegwentement, l-Istati Membri għandhom dejjem jieħdu inkunsiderazzjoni l-għanijiet tad-Direttiva 2003/88 fil-kuntest tas-setgħa ta' traspożizzjoni mogħtija lilhom bis-saħħa tal-Artikolu 7 tal-istess direttiva.

34. Fir-rigward tal-għan tad-Direttiva 2003/88, jirriżulta kemm mill-Artikolu 137 KE, li jikkostitwixxi l-bażi ġuridika tad-direttiva, kif ukoll mill-Premessi 1, 4, 7 u 8 tad-direttiva, kif ukoll mill-kliem stess tal-Artikolu 1(1) li l-għan tad-direttiva huwa li tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi maħsubin biex itejbu l-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol tal-ħaddiema permezz tal-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw b'mod partikolari t-tul taż-żmien tal-ħin tax-xogħol [7]. Din l-armonizzazzjoni fuq il-livell Komunitarju fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol hija intiża sabiex tiggarantixxi protezzjoni aħjar tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiem, billi tiżgura li dawn jibbenefikaw minn perijodi minimi ta' serħan fil-ġurnata, fil-ġimgħa u fis-sena, kif ukoll minn perijodi ta' pawża xierqa u billi tipprovdi

5 — Ara s-sentenza tat-8 ta' April 1976, Royer (48/75, Ġabra p. 497, punti 69u 73), fejn jingħad "l-obbligu, għall-Istati Membri, li jagħżlu, fil-kuntest tal-libertà mogħtija lilhom permezz ta' l-Artikolu 249 KE, il-forom u l-mezzi l-iktar adattati sabiex jiggarantixxu l-effett utli tad-direttivi, fid-dawl ta' l-għan ta' l-imsemmija direttivi".

6 — Ara Stärker, L., *Kommentar zur EU-Arbeitszeit-Richtlinie*, (kummentarju fuq id-direttiva dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol), Vjenna 2006, p. 81.

7 — Sentenzi tas-26 ta' Ġunju 2001, BECTU (C-13/99, Ġabra p. I-4881, punt 3); tad-9 ta' Settembru 2003, Jaeger (C-151/02, Ġabra p. I-8389, punti 45 u 47); tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et* (C-397/01 sa C-403/01, Ġabra p. I-8835, punt 91), u tal-1 ta' Diċembru 2005, Dellas *et* (C-14/04, Ġabra p. I-10253, punt 40).

limitu massimu bħala ħin medju ta' xogħol fil-ġimgħa [8].

35. Fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li d-dritt għal-leave annwali minimu bil-ħlas ma nħoloqx għall-ewwel darba bid-direttiva dwar il-ħinijiet tax-xogħol iżda ilu jagħmel parti mid-drittijiet soċjali fundamentali rikonoxxuti fid-dritt pubbliku internazzjonali [9] għal żmien twil, indipendentement mit-tul ta' żmien tal-perijodu tal-leave previst. Fuq il-livell internazzjonali, dan id-dritt fundamentali jissemma fl-Artikolu 24 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem [10] li jagħti lil kulħadd "id-dritt għall-mistrieħ u għall-ħin liberu u b'mod partikolari għal-limiti raġonevoli fil-ħinijiet tax-xogħol kif ukoll għal-leave perjodiku bil-ħlas" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Barra minn hekk, dan id-dritt fundamentali huwa rikonoxxut ukoll fl-Artikolu 2 (3) tal-Karta Soċjali Ewropea [11] kif ukoll fl-Artikolu 7(d) tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali [12] inkwantu espressjoni tad-dritt li għandha kull persuna li jkollha kundizzjonijiet ta' xogħol ġusti u favorevoli.

36. Fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) inkwantu istituzzjoni speċjalizzata tan-Nazzjonijiet Uniti, id-dritt għal-leave annwali bil-ħlas minimu kien is-suġġett ta' żewġ konvenzjonijiet multilaterali, jiġifieri l-Konvenzjoni Nru 132 [13] li temenda l-Konvenzjoni Nru 52 li kienet fis-seħħ dak iż-żmien [14]. Dawn jinkludu dispożizzjonijiet vinkolanti għall-Istati kontraenti firrigward tal-implementazzjoni ta' dawn id-drittijiet soċjali fundamentali fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom.

37. Madankollu, dawn id-diversi strumenti internazzjonali huma differenti minn xulxin

8 — Sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2000, Simap (C-303/98, Ġabra p. I-7963, punt 49); BECTU (iċċitata iktar 'il fuq, nota 7, punt 38); Jaeger (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 7, punt 46); tat-12 ta' Ottubru 2004, Wippel (C-313/02, Ġabra p. I-9483, punt 4), u Dellas *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 7, punt 41).

9 — Kif jikteb l-Avukat Ġenerali Tizzano fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Frar 2001, BECTU (sentenza ċċitata iktar 'il fuq, nota 7, punt 26 tal-konklużjonijiet), id-dritt għal-leave annwali bil-ħlas ilu jagħmel parti mid-drittijiet soċjali fundamentali.

10 — Dikjarazzjoni universali tad-drittijiet tal-bniedem, adottata fl-10 ta' Diċembru 1948 bir-Riżoluzzjoni 21 A (iii) mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

11 — Il-Karta Soċjali Ewropea, li hija konvenzjoni li ġiet ipprezentata mill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa fit-18 ta' Ottubru 1961 u daħlet fis-seħħ fis-26 ta' Frar 1965. L-Artikolu 2(3) tal-istess Karta jipprovdi li l-partijiet kontraenti għandhom jipprovdi leave annwali mħallas ta' almenu ġimgħatejn sabiex jiggarantixxu l-implementazzjoni effettiva tad-dritt għal kundizzjonijiet ġusti ta' xogħol.

12 — Il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali ġie adottat fid-19 ta' Diċembru 1966 mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. L-Artikolu 7(d) tal-istess Patt jipprovdi li "l-Istati kontraenti f'dan il-Patt jirrikonoxxu d-dritt li kull persuna għandha biex tgawdi kundizzjonijiet ta' xogħol ġusti u favorevoli, li jiżguraw b'mod partikolari l-mistrieħ, il-ħin liberu, il-limitazzjoni raġonevoli tat-tul ta' żmien tax-xogħol u l-leave perjodiku mħallas, kif ukoll ir-remunerazzjoni tal-vaganzi" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

13 — Konvenzjoni Nru 132 fuq il-leave mħallas (verżjoni ġdida tal-1970) adottata mill-Konferenza Ġenerali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fl-24 ta' Ġunju 1970, li daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju 1973.

14 — Konvenzjoni Nru 52 dwar il-leave annwali mħallas, adottata mill-Konferenza Ġenerali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fl-24 ta' Ġunju 1936, li daħlet fis-seħħ fit-22 ta' Settembru 1939. Din il-konvenzjoni ġiet riveduta mill-Konvenzjoni Nru 132 iżda tibqa' miftuħa għar-ratifika.

kemm minħabba l-kontenut tagħhom kif ukoll minħabba l-portata leġiżlattiva tagħhom u dan peress li f'ċerti każijiet dawn huma trattati ta' dritt pubbliku internazzjonali u f'każijiet oħra sempliċi dikjarazzjonijiet solenni mingħajr effett vinkolanti [15]. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni personali ta' dawn l-istrumenti jipprovdi għal regoli dettaljati differenti b'tali mod li l-klassi tal-persuni koperti ma hija qatt identika. Barra minn hekk, il-marġni ta' diskrezzjoni addizzjonali, bħala regola ġenerali, huwa mogħti lill-Istati firmatarji inkwantu destinatarji ta' dawn l-istrumenti b'tali mod li l-individwi benefiċjarji ma jistgħux jinvokaw direttament dan id-dritt. Madankollu, għandu jiġi osservat li d-dritt għal-leave annwali huwa meqjus biċċar minn dawn l-istrumenti internazzjonali kollha bħala parti mid-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema.

38. Jidhirli li huwa iktar sinjifikattiv li, bl-adozzjoni ta' dan id-dritt fil-Karta tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [16], dan id-dritt isib il-konferma l-iktar skjetta u l-iktar definittiva tan-natura tiegħu ta' dritt fundamentali [17]. Fil-fatt, l-Artikolu 31(2) tal-Karta jipprovdi li: "kull ħaddiem għandu d-dritt għal limitazzjoni fuq it-tul ta' żmien massimu tax-xogħol u għall-perjodi ta' mistrieħ fil-ġurnata, fil-ġimgħa, kif ukoll għall-perijodu annwali ta' leave imħallas". Fir-rigward tal-istorja tal-adozzjoni tagħha, din id-dispożizzjoni sabet l-ispirazzjoni tagħha fl-Artikolu 2(3) tal-Karta Soċjali Ewropea kif ukoll fil-punt 8 tal-Karta Komunitarja tad-drittijiet soċjali tal-ħaddiema [18], u fuq dan is-suġġett, ittieħdet debita kunsiderazzjoni tad-Direttiva 93/104 inkwantu d-direttiva li ppreċediet id-Direttiva attwali 2003/88 b'mod konformi mal-ispjegazzjonijiet tas-segretarjat tal-presidenza tal-Konvenzjoni [19].

39. Konsegwentement, l-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali jistabbilixxi d-dritt għal perijodu annwali ta' leave bil-ħlas bħala dritt tal-bniedem li kulħadd huwa intitolat għalih [20]. Huwa

15 — Zuleeg, M., "Der Schutz sozialer Rechte in der Rechtsordnung der Europäischen Gemeinschaft", *Europäische Grundrechte-Zeitschrift* 1992, Ktieb 15/16, p. 331, josserva li istrumenti li mhumiex vinkolanti bħalma hija l-Karta Komunitarja tad-drittijiet soċjali fundamentali tal-ħaddiema iservu, fl-ewwel lok, bħala linji gwida u bħala programm. F'kull każ, huma jiksbu importanza ġuridika meta l-qrati jużawhom għall-finijiet ta' interpretazzjoni jew ta' żvilupp tad-dritt. Balze, W.: "Überblick zum sozialen Arbeitsschutz in der EU, *Europäisches Arbeits- und Sozialrecht*", 38. Ergänzungslieferung 1998, punt 4, jsostni ġustament li minkejja l-fatt li l-Karta Komunitarja tad-drittijiet soċjali fundamentali tal-ħaddiema m'għandha l-ebda effett vinkolanti inkwantu dikjarazzjoni solenni, madankollu, hija serviet ta' katalizzatur importanti għall-programm ta' azzjoni tal-Kummissjoni adottat fit-tmiem tas-sena 1989 għall-implementazzjoni tal-Karta Komunitarja tat-28 ta' Novembru 1989. Dan il-programm ta' azzjoni kien jipprovdi total ta' 23 proposta konkreta għal direttivi, partikolarment fil-qasam tas-sigurtà u tal-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema, li essenzjalment ġew implementati qabel l-1993. Minn dan jirriżulta li anki dikjarazzjonijiet solenni, inkwantu sorsi ta' ispirazzjoni għax-xogħol leġiżlattiv, jistgħu fl-aħħar mill-aħħar jiksbu importanza fl-implementazzjoni tad-drittijiet soċjali fundamentali li huma jipproklamaw.

16 — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ipproklamata fis-7 ta' Diċembru 2000 f'Nizza (ĠU C 364, p. 1).

17 — L-avukat ġenerali Tizzano huwa tal-istess fehma fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Frar 2001, BECTU (iċċitata iktar 'il fuq, punt 26).

18 — Il-Karta Komunitarja tad-Drittijiet Soċjali tal-Ħaddiema ġiet adottata fid-9 ta' Diċembru 1989 fi Strasburgu mill-kapijiat tal-Istat u tal-gvernijiet tal-Istati membri tal-Komunità Ewropea. Il-punt 8 tal-Karta Komunitarja tippreskrivi li: "kull ħaddiem fil-Komunità Ewropea għandu dritt għall-mistrieħ ta' kull ġimgħa u għall-mistrieħ annwali mħallas li d-dewmien tiegħu għandu jiġi approssimat fil-futur, skond il-prattiċi nazzjonali". Eichenhofer, E., *Handbuch des EU-Wirtschaftsrechts* (Editur von Dauses, M. A.), Mjunik 2004, Vol 1, D. III., punti 38 u 39, f'dan ir-rigward jitkellem espressament fuq id-dritt għal-leave annwali mħallas bħala "dritt soċjali fundamentali" kontenut fil-Karta Komunitarja.

19 — Fuq dan is-suġġett ara Rengeling, H.-W., *Grundrechte in der Europäischen Union*, Köln, 2004, punt 1016, p. 812.

20 — Riedel, E., *Charta der Grundrechte der Europäischen Union* (editjat minn Jürgen Meyer), it-tieni edizzjoni, Baden-Baden 2006, Artikolu 31, punt 20, isostni li l-importanza tal-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tinsab prinċipalment fil-fatt li bħala drittijiet soċjali minimi li mhumiex ikkontestati, il-prinċipji tal-limitazzjoni tat-tul ta' żmien massimu għax-xogħol, taż-żmien ta' mistrieħ ta' kuljum u ta' kull ġimgħa li huwa garantit anki f'każ ta' relazzjoni ta' impjieg li għandha bħala suġġett xogħol bix-xift jew flessibbli, l-istess bħal-leave annwali mħallas, jikkostitwixxu drittijiet fundamentali rikonoxxuti lil kull persuna.

minnu li l-istess bħal ċerti strumenti internazzjonali ċċitati preċedentement, il-Karta tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma ngħatatx portata leġiżlattiva awtentika, b'tali mod li hija tikkostitwixxi qabel xejn dikjarazzjoni politika. Madankollu, jiena nsostni li jkun żbaljat li tiġi miċħuda kwalunkwe rilevanza tal-Karta fil-kuntest tal-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju [21]. Indipendentement mill-kwistjoni, li għandha tiġi ċċarata fil-ġejjieni, tal-istatus legali definittiv tal-Karta fi ħdan is-sistema legali tal-Unjoni Ewropea, din diġà tikkostitwixxi l-espressjoni konkreta tal-valuri fundamentali komuni [22].

40. Barra minn hekk, għal parti kunsiderevoli hija tirrifletti wkoll it-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni tal-Istati Membri. Sa fejn nista' nara, huwa possibbli li wieħed jasal għal din il-konklużjoni fil-qasam tad-dritt għal-leave annwali minimu bil-ħlas peress li l-Artikolu 31 (2) tal-Karta huwa bbażat fuq il-mudelli tal-kostituzzjonijiet ta' numru kunsiderevoli ta' Stati Membri [23]. Għaldaqstant wieħed jista'

21 — Jiena esprimejt dan l-argument reċentement fil-konklużjonijiet tiegħi tat-3 ta' Mejju 2007, Zefeser (sentenza tat-18 ta' Diċembru 2007, C-62/06, punt 54 u nota 43 tal-konklużjonijiet) b'rabta mad-dritt għal proċess ġust previst fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Preċedentement, l-Avukat Ġenerali Tizzano kien diġà esprima ruħu fil-konklużjonijiet fil-kawża BECTU (iċċitata iktar 'il fuq, punt 28) kif ukoll l-Avukat Ġenerali Léger fil-konklużjonijiet tiegħu tal-10 ta' Lulju 2001 fil-kawża Il-Kunsill vs Hautala (sentenza tas-6 ta' Diċembru 2001, C-353/99 P, Ġabra p. I-9565, punti. 3 sa 86). Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja tibbaża ruħha iktar u iktar fuq id-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Fl-aħħar nett ara s-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2006, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-540/03, Ġabra, p. I-5769, punt 38), li tirreferi għar-referenzi li hemm għall-Karta fil-premessi tad-direttiva in kwistjoni, kif ukoll għas-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2007, Unibet (C-432/05, punt 37), u tat-3 ta' Mejju 2007, Advocaten voor de Wereld (C-303/05, Ġabra p. I-3633, punt 46).

22 — F'dan ir-rigward, ara Poiares Maduro, M., "The double constitutional life of the Charter of Fundamental Rights", *Unión Europea y derechos fundamentales en perspectiva constitucional*, Madrid 2004, p. 306; Schmitz, T., "Die Charta der Grundrechte der Europäischen Union als Konkretisierung der gemeinsamen europäischen Werte", *Die Europäische Union als Wertegemeinschaft*, Berlin 2005, p. 85 kif ukoll Beyer, U./Oehme, C./Karmrodt, F., *Der Einfluss der Europäischen Grundrechtecharta auf die Verfahrensgarantien im Unionsrecht, Beiträge zum Transnationalen Wirtschaftsrecht*, Vol 34, Novembru 2004, p. 14. García Perrote Escartín, I., "Sobre el derecho de vacaciones", *Scritti in memoria di Massimo D'Antona*, Volum 4 (2004), p. 3586, jassumi li d-dritt għal-leave annwali mħallas, kif huwa stabbilit fl-Artikolu 40(2) tal-Kostituzzjoni Spanjola, jirriżulta mill-istrumenti kollha internazzjonali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Huwa jsostni li dawn l-istrumenti kollha flimkien ikkontribwixxew għat-tnissil ta' għarfien Ewropew universali u saħansitra speċifiku fir-rigward tależistenza tad-drittijiet soċjali fundamentali.

23 — Skond id-dritt Komunitarju, huma l-Istati Membri li għandhom, primarjament, jirregolaw il-qasam tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Diversi testi kostituzzjonali jinkludu garanziji fil-qasam tal-kundizzjonijiet tax-xogħol li jsemmu d-dritt għall-mistrieħ tal-ħaddiem. B'dan il-mod, l-Artikolu 11(5) tal-Kostituzzjoni tal-Lussemburgu u l-Artikolu 40 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Spanja jimponu fuq l-Istat l-obbligu li joħloq kundizzjonijiet ta' xogħol tajbin għas-saħħa u li jiżgura l-mistrieħ tal-ħaddiema, u/jew li jħarishom (ara González Ortega, S., "El disfrute efectivo de la vacaciones anuales retribuidas: una cuestión de derecho y de libertad personal, de seguridad en el trabajo y de igualdad", *Revista española de derecho europeo*, Nru. 11 [2004], p. 423 *et seq*). Fl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni Taljana nistgħu nsibu leġiżlazzjoni li hija biċ-ċar iktar preċiża mill-kliem previst fl-Artikolu 31 tal-Karta; dan l-Artikolu jipprovdi partikolarment għal dritt ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa u għal-leave annwali mħallas. Il-Kostituzzjoni tal-Portugall tidher li kienet wieħed mill-mudelli tar-regoli previsti fil-Karta, peress li l-Artikolu 59(1) (d) tagħha, jipprovdi d-dritt għall-mistrieħ u għall-ħin liberu, għal limitazzjoni fuq il-ġurnata tax-xogħol, għall-mistrieħ ta' kull ġimgħa u għal-leave perjodiku imħallas (ara Vieira De Andrade, J. C., "La protection des droits sociaux fondamentaux dans l'ordre juridique du Portugal", *La protection des droits sociaux fondamentaux dans les États membres de l'Union européenne — Étude de droit comparé*, Ateni/Brussell/Baden-Baden 2000, p. 677). Fil-parti l-kbira tal-Istati Membri qodma tal-Unjoni Ewropea, id-dritt għal-leave minimu annwali mħallas huwa bbażat fuq sempliċi dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jirriflettu r-regoli tad-dritt sekondarju tad-direttivi, sa fejn il-kamp ta' applikazzjoni Komunitarju huwa kkonċernat. Mill-banda l-oħra, l-Istati Membri l-ġodda, minħajr ma ninsew lil Ċipru, għandhom kodifikazzjoni dettaljata ħafna ta' dan id-dritt. Dan japplika b'mod partikolari għall-Artikolu 36(f) tal-Kostituzzjoni Slovakka, għall-Artikolu 66(2) tal-Kostituzzjoni Pollakka, għall-Artikolu 70/B(4) tal-Kostituzzjoni Ungeriża, għall-Artikolu 107 tal-Kostituzzjoni tal-Estonja kif ukoll għall-Artikolu 49(1) tal-Kostituzzjoni tal-Litwanja li jiggarantixxu d-dritt għal-leave minimu annwali mħallas. B'mod ġenerali, il-kundizzjonijiet tax-xogħol huma ttrattati fil-Kostituzzjoni tal-iSlovenja (Artikolu 56), fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika Ċeka (Artikolu 28) kif ukoll f'dik tal-Estonja (Artikolu 29 (4)) (ara Riedel, E., iċċitata iktar 'il fuq, nota 19, Artikolu 31, punti 3 u 4).

jafferma li f'kawża dwar in-natura u l-portata tad-dritt fundamentali, bħal dik inkwistjoni, wieħed għandu jibbaża ruħu fuq il-prinċipji tal-Artikolu 31(2) tal-Karta fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 [24].

3. Id-dritt għal-leave annwali minimu bil-ħlas fid-dritt Komunitarju

a) Il-kompetenza ta' traspożizzjoni tal-Istati Membri

41. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddefiniet il-portata tad-dritt għal-leave annwali bil-ħlas u ddeċidiet li "[]d-dritt għal-leave annwali mħallas ta' kull ħaddiem irid ikun ikkunsidrat bħala prinċipju ta' dritt soċjali Komunitarju li għandu importanza partikolari, li ma jistax jiġi dderogat[] u li t-twettiq fis-seħħ tiegħu mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jrid jiġi effettwat biss fil-limiti espressament imħabbra mill-istess Direttiva [93/104]" [25]. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 jistabbilixxu r-regola li ħaddiem normalment għandu jkun jista' jibbenefika minn mistrieħ effettiv, bil-għan li jiġu mħarsa b'mod effettiv is-sigurtà tiegħu u saħħtu [26].

42. Sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu l-għanijiet tad-direttiva għandu jitqies, bħalma għamlet il-ġurisprudenza, li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 huwa wiesa' fir-rigward taż-żmien, b'tali mod li l-kunsiderazzjonijiet segwenti japplikaw ukoll għal-leave li ma jitteħidx fis-sena kurrenti iżda li jittieħed iktar tard. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, l-effett pożittiv ta' dan il-leave għas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiem jidher fis-sħiħ jekk jittieħed fis-sena prevista għal dan il-għan, jiġifieri matul is-sena kurrenti. Madankollu, dan iż-żmien ta' mistrieħ jibqa' sinjifikattiv f'dan ir-rigward jekk jiġi meħud matul perijodu sussegwenti. Peress li l-leave fis-sens tad-Direttiva, meta jittieħed matul sena sussegwenti, jista' jikkontribwixxi kemm għas-sigurtà kif ukoll għas-saħħa tal-ħaddiem, għandu jiġi kkonstatat li dan jibqa' rregolat mid-direttiva [27].

24 — Skond Smismans, S., "The Open Method of Coordination and Fundamental Social Rights", *Social Rights in Europe* (Editur Gráinne de Búrca u Bruno de Witte), Oxford 2005, p. 229, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, tqum neċessarjament il-kwistjoni dwar ir-rabta bejn l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 u d-drittijiet fundamentali u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Skond Krebber, S., *Kommentar zu EU-Vertrag und EG-Vertrag* (Editur Christian Calliess/Matthias Ruffert), l-ewwel edizzjoni, Neuwied 1999, Artikolu 136 KE, punt 35, p. 1365, il-Karta Soċjali Ewropea u l-Karta Komunitarja jipprovdu għajnuna importanti għall-interpretazzjoni fir-rigward tat-tifsira tal-kunċetti tad-dritt taxogħol fid-dritt Komunitarju. Stärker, L., *Kommentar zur EU-Arbeitszeit-Richtlinie*, Vjenna 2006, p. 81, isostni li anki l-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali għandu natura leġiżlattiva fis-sens li fil-fehma tiegħu, din id-dispożizzjoni teżiġi l-iffissar tal-leave annwali mħallas. Skond Benedetti, G., "La rilevanza giuridica della Carta Europea innanzi alla Corte di Giustizia: il problema delle ferie annuali retribuite", *Carta Europea e diritti dei privati*, 2000, p. 128 u 129, f'kawża dwar il-portata tad-dritt għal-leave minimu annwali mħallas, mhuwiex possibbli li tiġi injorata l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali minkejja li din m'għandhiex natura vinkolanti minħabba li hija tinkludi dispożizzjonijiet li jirriflettu t-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni tal-Istati Membri. Konsegwentement, hija għandha l-funzjoni ta' punt ta' riferiment u/jew ta' għajnuna għall-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju.

25 — Sentenzi BECTU (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 7, punt 43); tat-18 ta' Marzu 2004, Merino Gómez (C-342/01, Ġabra p. I-2605, punt 29), Dellas *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 8, punt 49), u tas-6 ta' April 2006, Federatie Nederlandse Vakbeweging (C-124/05, Ġabra p. I-3423, punt 28).

26 — Sentenza BECTU (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 7, punt 44).

27 — Sentenza Federatie Nederlandse Vakbeweging (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 25, punti 30 u 31).

43. Skont il-ġurisprudenza, l-Istati Membri għandhom rwol importanti ħafna fl-implementazzjoni ta' dan id-dritt peress li biex jeżerċitaw is-setgħa tagħhom ta' traspożizzjoni prevista fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88, huma marbuta li jadottaw ir-regoli dettaljati ta' applikazzjoni nazzjonali meħtieġa [28]. Dan jinkludi l-adozzjoni tal-kundizzjonijiet għat-twettiq u implementazzjoni tal-leave annwali bil-ħlas, iżda l-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu ċ-ċirkustanzi konkreti li fihom il-ħaddiema jkunu jistgħu jagħmlu użu minn dan id-dritt li huma jibbenefikaw minnu skond il-perijodi kollha ta' xogħol imwettqin [29].

44. Ir-riferiment li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 jagħmel għal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali huwa intiż sabiex jippermetti lill-Istati Membri li jiddefinixxu kuntest leġiżlattiv li jirregola l-aspetti ta' organizzazzjoni u l-aspetti proċedurali għat-tgawdija tal-leave, bħalma huma l-ippjanar tal-perijodi tal-leave, l-obbligu tal-ħaddiem li jinforma minn qabel lil min iħaddmu dwar il-perijodu tal-leave li huwa jkollu l-intenzjoni li jieħu, l-impożizzjoni ta' perijodu minimu ta' xogħol qabel ma jkun jista' jittieħed il-leave, il-kriterji għall-kalkolu proporzjonali tad-dritt għal-leave annwali meta d-dewmien tar-relazzjoni tal-impjieg jkun inqas minn sena, eċċ [30]. Iżda dawn dejjem jinvolvu miżuri intiżi sabiex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-intitolament u għall-għoti tad-dritt għal-leave, u bħala tali awtorizzati bid-Direttiva 2003/88.

45. Min-naħa l-oħra, mill-prinċipju tal-lealtà Komunitarja bis-saħħa tal-Artikolu 10 KE, jirriżulta li l-Istati Membri huma marbuta li jastjenu minn kull miżura li tista' tkun ta' ostakolu għal dan il-għan [31]. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-adozzjoni ta' miżuri li jheddu l-eżistenza nfisha tad-dritt għal-leave annwali minimu bil-ħlas [32]. Għaldaqstant il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza BECTU [33], ġustament iddeċidiet li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħalma hija dik fil-kawża prinċipali, li timponi xi kundizzjoni għall-intitolament tad-dritt għal-leave annwali b'tali mod li tostakola l-kostituzzjoni nfisha tiegħu għal ċerti ħaddiema, mhux biss trendi d-dritt individwali mogħti espressament mid-Direttiva 93/104 mingħajr sustanza, iżda tmur ukoll kontra l-għan tal-istess direttiva.

46. Jiena nsostni li b'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja applikat il-prinċipju tal-effett utli tad-dritt Komunitarju u ġustament irrikonoxxiet f''dan ir-rigward li Stat Membru li jista' jiddeċiedi dwar it-tnissil ta' dritt, jista' wkoll jevitah, u saħansitra jxejnu meta huwa

28 — Sentenza tas-16 ta' Marzu 2006, Robinson-Steele (C-131/04 u C-25/04, Ġabra p. I-2531, punt 57).

29 — Sentenza BECTU (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 7, punt 53).

30 — Ara l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni fil-kawża BECTU li l-Avukat Ġenerali Tizzano rriproduċa fil-konklużjonijiet tiegħu mogħtija fl-istess kawża (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota 9, punt 34).

31 — Huwa paċifiku fil-ġurispridenza li mill-Artikolu 10 KE jirriżulta li l-Istati Membri huma marbuta li jittrasponu direttiva b'mod li tiġi żgurata b'mod effettiv l-applikazzjoni sħiħa tagħha (sentenzi tal-11 ta' Lulju 2002, Marks & Spencer, C-62/00, Ġabra p. I-6325, punti 24 sa 26; tas-16 ta' Novembru 2000, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-214/98, Ġabra p. I-9601, punt 49) u tad-9 ta' Settembru 1999, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-217/97, Ġabra I-5087, punt 31). Konsegwentement, il-leġiżlatur nazzjonali huwa marbut li jibdel, iħassar jew jissostitwixxi l-liġi nazzjonali tiegħu sabiex l-obbligi tad-dritt Komunitarju jkunu jistgħu jkollhom l-effett utli tagħhom b'mod sħiħ (ara s-sentenza tat-8 ta' Frar 1973, Il-Kummissjoni vs L-Italja, 30/72, Ġabra p. 161, punt 11; Kahl, W., *"Kommentar eu EU-Vertrag und EG-Vertrag"*, Editur Christian Calliess/Matthias Ruffert, l-ewwel edizzjoni Neuwied 1999, Artikolu 10 KE, punt 19, p. 374).

32 — F'dan is-sens, ara Bogg, A. L., "The right to paid annual leave in the Court of Justice: the eclipse of functionalism", *European Law Review*, Volum 31 (2006), Nru 6, p. 897, fejn jingħad li leġiżlazzjoni nazzjonali ma tistax tasal sal-punt li tiċħad l-eżistenza tad-dritt għal-leave minimu annwali mħallas.

33 — Sentenza BECTU (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 7, punt 48).

jissuġġettah għal kundizzjonijiet li jkunu diffiċli sabiex jiġu sodisfatti. Jiena tal-fehma li dan id-dritt jista' jiġi evitat ukoll meta Stat Membru jista' jistabbilixxi huwa nnifsu l-kundizzjonijiet li taħthom jintilef dan id-dritt, inkwantu, iż-żewġ każijiet jirrigwardaw l-eżistenza nfisha ta' dan id-dritt.

47. Fil-fatt, l-istess riskju japplika għall-implementazzjoni ta' dan id-dritt għal-leave annwali bil-ħlas, meta Stat Membru jingħata s-setgħa li jistabbilixxi ċ-ċirkustanzi li fihom il-ħaddiem jitlef dan id-dritt mal-iskadenza ta' terminu partikolari. F'dan ir-rigward, ma tibqax kwistjoni ta' deċiżjoni dwar il-mod li għandu jiġi implementat il-leave annwali bil-ħlas [34], jiġifieri t-traspożizzjoni effettiva ta' dan id-dritt, iżda kwistjoni ta' kif għandha tiġi ddefinita l-portata ta' regola ta' dritt Komunitarju, jiġifieri l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88.

48. Fil-fatt, l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni fis-sens li l-leave annwali jintilef mal-iskadenza ta' terminu partikolari, minkejja li l-ħaddiema ma jkunux setgħu jieħduh minħabba inkapaċità li jaħdmu dovuta minħabba mard, tmur lil hinn mill-esklużjoni ta' ċerti ħaddiema minn dan id-dritt minħabba limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* [35].

49. Madankollu, wara l-armonizzazzjoni ta' din il-parti tad-dritt soċjali għall-protezzjoni tax-xogħol li huwa l-għan segwit bis-saħħa tal-Artikolu 137(2)(b) KE, li huwa l-artikolu ċċitat bħala l-bażi ġuridika tad-Direttiva 2003/88, issa hija l-Komunità li hija kompetenti sabiex tiddefinixxi l-portata ta' dan id-dritt [36]. Fil-fatt, kieku din il-kompetenza kienet tal-Istati Membri, ikun prattikament impossibbli li fuq il-livell Komunitarju jiġi ggarantit livell ta' protezzjoni simili u li jiġi b'hekk osservat l-iskop tal-armonizzazzjoni. Għal din ir-raġuni, għandu jiġi miċħud l-argument tal-Gvern tal-Belġju u l-Gvern Ċek li jsostnu li d-dritt għal-leave ta' ħaddiem li jkun inkapaċi li jaħdem minħabba mard jaqa' taħt ir-regoli dettaljati għall-għoti tal-leave u huwa suġġett għall-kompetenza leġiżlattiva tal-Istati Membri.

b) Il-livell ta' protezzjoni garantit mid-dritt Komunitarju

50. Barra minn hekk, jidhirli li huwa importanti li jiġi mfakkar li l-libertà tal-Istati Membri waqt id-determinazzjoni tal-miżuri

34 — Fis-sentenza BECTU (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 7, punt 61), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-Direttiva 93/104 ma tipprekludix lill-Istati Membri milli jorganizzaw ir-regoli dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt għal-leave annwali billi, pereżempju, jirregolaw il-mod li bih il-ħaddiema jistgħu jieħdu l-leave li għalih għandhom dritt matul l-ewwel ġimgħat tal-impjieg tagħhom.

35 — Madankollu, dan huwa preċiżament dak li l-Istati Membri huma pprojbiti milli jagħmlu (ara s-sentenza BECTU, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 7, punt 52). Skond din is-sentenza, l-Istati Membri huma pprojbiti milli jillimitaw unilateralment id-dritt għal-leave annwali mħallas mogħti lill-ħaddiema kollha, billi jissuġġettaw dan id-dritt għal kundizzjoni ta' intitolament li jkollha l-effett li teskludi ċerti ħaddiema mill-benefiċċju tad-dritt imsemmi.

36 — L-Artikolu 137 KE huwa l-bażi ġuridika l-iktar importanti għall-adozzjoni tad-direttivi fil-qasam tal-politika soċjali. Huwa jipprovdi li l-armonizzazzjoni għandu jkollha għan speċifiku li jirriżulta mir-riferiment li hemm fil-paragrafu 2 għall-paragrafu 1. Għaldaqstant l-armonizzazzjoni għandha sseħħ sabiex tiġi promossa l-funzjoni ta' sostenn u ta' tkomplija tal-attività tal-Komunità fl-oqsma ċċitati fil-punt 1(a) sa (i). Skond il-paragrafu 1(a), dawn l-oqsma jinkludu l-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Il-bażi kienet ikkostitwita, sa ftit ilu, mill-Artikolu 118 tat-Trattat KE li kien jikkostitwixxi ukoll primarjament orjentament soċjopolitiku u li, minħabba f'hekk, kien differenti mir-regoli l-oħra dwar il-kompetenza fl-Artikolu 100a tat-Trattat KE (l-Artikolu 94 KE) minħabba l-għan tiegħu fil-konfront tas-suq intern (ara Krebber, S., iċċitat iktar 'il fuq, punt 23, l-Artikolu 13 KE, punt 18, p. 133).

ta' traspożizzjoni hija limitata bil-fatt li l-Artikolu 13(2)(b) KE huwa intiż sabiex jiżgura, permezz ta' rekwiżiti minimi, ċertu livell ta' protezzjoni li l-Istati Membri ma jistgħux inaqqsu. Bħal ma ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Renju Unit vs Il-Kunsill [37] f'dak li jikkonċerna l-kunċett ta' "rekwiżiti minimi" fis-sens tal-bażi ġuridika preċedenti tal-Artikolu 118 A tat-Trattat KE, din id-dispożizzjoni ma tillimitax l-intervent Komunitarju għall-iżgħar denominatur komuni, jiġifieri għal-livell l-iktar baxx ta' protezzjoni pprovduta fid-diversi Stati Membri. Bil-kontra, jeħtieġ li dan il-kunċett jiġi interpretat fis-sens li l-Istati Membri huma liberi li jagħtu protezzjoni ogħla meta mqabbla ma' dik il-protezzjoni, possibilment għolja, li tirriżulta mid-dritt Komunitarju.

51. Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-kliem tal-Artikolu 136 KE li, bħala għan tal-politika soċjali, jistabbilixxi "t-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol". Dan l-għan għandu jintlaħaq espliċitament bl-approssimazzjoni "fil-progress" [38]. Biex jintlaħaq dan l-għan ta' dritt primarju, l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2003/88 jippermetti lill-Istati Membri li japplikaw jew jippromwovu miżuri iktar favorevoli għas-sigurtà u l-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema. F'dan is-sens, l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2003/88 jippreċiża li, fir-rigward tal-livell ta' protezzjoni, bla ħsara għad-dritt tal-Istati Membri li jiżviluppaw diversi miżuri sakemm ir-rekwiżiti minimi previsti f'din id-direttiva jiġu osservati, l-implementazzjoni ta' din id-Direttiva m'għandhiex tikkostitwixxi bażi valida għat-tnaqqis tal-livell ġenerali tal-protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema [39].

52. Il-livell ta' protezzjoni minima li l-leġiżlatur Komunitarju adotta fil-qasam tad-dritt għal-leave huwa stabbilit mid-Direttiva 2003/88. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 ma jinkludi l-ebda limitazzjoni fuq id-dritt għall-leave. Id-direttiva ma tipprovdix il-kundizzjoni li biha l-ħaddiem huwa obbligat jitlob il-leave tiegħu fit-termini preskritti u jeħodhom qabel data partikolari, jiġifieri qabel l-aħħar tas-sena ta' referenza u/jew is-sena tal-ġarr tal-leave u lanqas ma hija prevista d-dekadenza tad-dritt għal-leave. L-Artikolu 7 (1) mhuwiex wieħed mid-dispożizzjonijiet li minnu l-Artikolu 17 ta' din l-istess direttiva jippermetti espliċitament li ssir deroga [40].

37 — Sentenza tat-12 ta' Novembru 1996 (C-84/94, Ġabra p. I-5755, punt 56).

38 — Balze, W., iċċitat iktar 'il fuq fin-nota 14, punt 38. Edizzjoni supplementari 1998, punt 3.

39 — Sentenza tat-12 ta' Ottubru 1996, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 37, punt 42). Balze, W., Arbeitszeit, Urlaub und Teilzeitarbeit, *Europäisches Arbeits- und Sozialrecht*, Edizzjoni supplementari (Ottubru 2002), B 3100, punt 6, p. 9, tqis li r-regoli li jinsabu fid-direttiva dwar il-ħin tax-xogħol jikkostitwixxu r-rekwiżiti minimi b'mod konformi mal-kunċett wara l-Artikolu 173KE, b'tali mod li l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu liġijiet fir-rigward tal-ħin tax-xogħol li jkunu iktar ħorox. Madankollu, skond l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2003/88, id-dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet tad-direttiva indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk il-livell ta' protezzjoni tagħhom ikun inqas minn dak tad-direttiva dwar il-ħin tax-xogħol.

40 — Ara s-sentenzi Robinson-Steele (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 26, punt 62) u BECTU (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 7, punt 41). F'dan is-sens ara wkoll Balze, W., "Die Richtlinie über die Arbeitszeitgestaltung", *Europäische Zeitschrift für Wirtschaftsrecht*, Nru 7 (1994), p. 207, li ma jippermetti ebda deroga sostantiva f'din il-leġiżlazzjoni.

53. Il-leġiżlatur jikkontempla għalhekk intenzjonalment livell ta' protezzjoni minima oġħla mill-Konvenzjoni Nru 132 tal-ILO [41]. Filwaqt li l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni Nru 132 tal-ILO jipprovdi limitazzjoni fiż-żmien fis-sens li l-leave għandu jingħata u jittieħed fi żmien sena u/jew fi żmien tmintax-il xahar mill-aħħar tas-sena li fiha jqum id-dritt għal-leave [42], fil-verità ma teżisti ebda regola simili fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88. Minn dan wieħed jista' jikkonkludi li l-protezzjoni li d-dritt Komunitarju irid jagħti lill-ħaddiema għandha portata iktar wiesgħa minn dik tar-regoli previsti mid-dritt pubbliku internazzjonali fil-qasam tad-dritt tax-xogħol [43].

54. Għaldaqstant, interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 fis-sens li d-dritt għal-leave annwali mħallas jispiċċa mal-iskadenza ta' terminu speċifiku jekk dan ma jitteħidx fil-ħin, minn naħa, mhijiex kompatibbli mal-għan tal-leġiżlatur Komunitarju li jiggarantixxi livell ta' protezzjoni oġħla minn dik tal-Konvenzjoni Nru 132 tal-ILO, u min-naħa l-oħra, ma ssib ebda bażi fil-kliem ta' din id-dispożizzjoni.

c) Rabta bejn id-dritt għal-leave u l-kapaċità għax-xogħol

i) Applikazzjoni b'analoġija tal-prinċipji żviluppati mill-ġurisprudenza

55. Bil-kontra tal-argumenti tal-Gvern tar-Renju Unit u tal-Gvern tal-Olanda, lanqas ma

41 — F'dan il-kuntest għandu jiġi mfakkar li skond il-Premessa 6 tad-Direttiva 2003/88 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-prinċipji tal-ILO. L-Avukat Ġenerali Kokott tirreferi għal dan ukoll fin-nota 8 tal-konklużjonijiet tagħha tat-12 ta' Jannar 2006 fil-kawża Federatie Nederlandse Vakbeweging (sentenza iċċitata iktar 'il fuq fn-nota 24). Jiena nsostni li huwa indispensabbli li d-Direttiva 2003/88 tiġi interpretata filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-prinċipji essenzjali tal-Konvenzjoni Nru 132 tal-ILO minħabba l-fatt li l-liġi tal-ILO stabbilixxiet standards internazzjonali ta' riferiment fil-qasam tad-dritt tax-xogħol. Fil-qosor, jeżisti livell għoli ta' konverġenza bejn iż-żewġ strumenti ġuridiċi. Madankollu, meta wieħed iħares ftit iktar mill-qrib lejhom, wieħed m'għandux jinsa li ċerti regoli tad-Direttiva 2003/88 imorru lil hinn minn dak li tipprovdi l-Konvenzjoni Nru 132 tal-ILO. Għal din ir-raġuni, wieħed jista' jsostni ġustament li d-Direttiva 2003/88 tikkostitwixxi żvilupp ulterjuri ta' din il-konvenzjoni minnaħa tal-Komunità (ara Murray, J., *Transnational Labour Regulation: The ILO and EC Compared*, The Hague 2001, p. 185).

42 — L-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni Nru 132 tal-OIX huwa dispożizzjoni partikolari fil-qasam tad-dritt għal-leave li huwa bbażat fuq il-possibbiltà ta' tqassim tal-leave annwali mħallas previst fl-Artikolu 8. Dan it-tqassim jista' jiġi awtorizzat mill-awtorità kompetenti; madankollu l-ħaddiem għandu d-dritt għal-leave mhux interrott ta' almenu ġimgħatejn, sakemm min iħaddem u l-ħaddiem ma jiftiehmux mod ieħor. L-Artikolu 9 jipprovdi li dik il-parti mhux interrotta tal-leave annwali mħallas għandha tingħata u titteħed f'terminu ta' żmien massimu ta' tmintax-il xahar li jibda jgħodd mit-tmiem tas-sena kalendarja tad-dritt għal-leave. Il-posponiment ta' parti mil-leave li taqbeż il-minimu preskritt hija leġittima għal perijodu limitat wara t-terminu previst, jekk il-ħaddiem jaqbel ma' dan. L-iffissar tat-terminu jista' jseħħ wara li jinstemgħu l-federazzjonijiet professjonali fuq il-livell nazzjonali (f'dan ir-rigward, ara Böhmert, S., *Das Recht der ILO und sein Einfluss auf das deutsche Arbeitsrecht im Zeichen der europäischen Integration*, Baden-Baden 2002, p. 128).

43 — Ir-regola tat-terminu previst fl-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni Nru 132 tal-ILO bl-ebda mod ma tippermetti l-konklużjoni li eventwalment jintilef id-dritt tal-ħaddiema u dan peress li din ir-regola, minnha nfisha, ma tipprovdi għal ebda konsegwenza ġuridika fil-każ li l-leave ma jkunx ittieħed u lanqas ingħata qabel l-iskadenza tat-terminu. Bil-kontra, mill-Artikolu 12 ta' din l-istess Konvenzjoni jirriżulta ċar li wieħed ma jistax ikollu dritt għal-leave minimu annwali mħallas, b'tali mod li, skond il-kundizzjonijiet nazzjonali, kull ftehim li jirrigwarda l-abbandun jew ir-rinunzja għal dan id-dritt għandu jkun null jew ipprojbit. García Perrote Escartín, I., (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota 22, p. 3602) ukoll iqis li leġiżlazzjoni li tipprovdi li d-dritt għal-leave minimu annwali mħallas jispiċċa mal-iskadenza ta' terminu partikolari, ma ssib l-ebda bażi la fil-Konvenzjoni Nru 132 tal-ILO, u lanqas fid-Direttiva 2003/88. Bil-kontra, mill-Artikolu 12 ta' din l-istess Konvenzjoni jirriżulta li wieħed ma jistax jirrinunzja għal dan id-dritt.

teżisti prova li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 jorbot id-dritt għal-leave minimu annwali mħallas mal-kapaċità għax-xogħol matul is-sena ta' referenza jew il-perijodu tal-ġarr tal-leave. Wieħed jista' jargumenta li ħaddiem li kien assenti mix-xogħol minħabba mard u li ma ħadimx m'għandux bżonn żmien ta' mistrieħ għal dan il-għan. Madankollu, kif ġustament affermat il-Kummissjoni, dan l-argument mhuwiex kompatibbli mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kif espressa fis-sentenzi Merino Gómez [44] u FNV [45].

56. Fil-kawża Merino Gómez, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi dwar il-kwistjoni tar-rapport li jeżisti fid-dritt Komunitarju bejn il-leave annwali u l-leave tal-maternità. B'mod konkret, il-kwistjoni kienet jekk, skont l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88, l-Artikolu 11(2)(a) tad-Direttiva 92/85/KEE [46] u l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 76/207/KEE [47], ħaddiema għandhiex id-dritt li tibbenefika mil-leave annwali tagħha matul perijodu li jkun differenti minn dak miftiehem u li ma jikkoinċidix ma' dak tal-leave tal-maternità, meta l-ftehim kollettivi konklużi bejn l-impriża u r-rappreżentanti tal-ħaddiema jiffissaw id-dati tal-leave għall-persunal kollu u li dawn id-dati jikkoinċidu mal-leave tal-maternità ta' dan il-ħaddiem. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'dan ir-rigward li l-iskop tad-dritt għal-leave annwali huwa differenti minn dak tad-dritt għal-leave tal-maternità. Dak tal-maternità huwa intiż, minn naħa, għall-protezzjoni tal-kundizzjoni bijoloġika tal-mara matul it-tqala tagħha u wara l-istess tqala u, min-naħa l-oħra, għall-protezzjoni tar-rapporti partikolari bejn il-mara u t-tarbija tagħha matul il-perijodu li jiġi wara t-tqala u t-twelid [48]. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ħaddiema għandha tkun tista' tibbenefika mil-leave annwali tagħha waqt perijodu li jkun differenti minn dak tal-leave tal-maternità tagħha [49].

57. Fis-sentenza FNV, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat dan il-prinċipju u ppreċiżatu fis-sens li f'każ ta' kumulu tal-perijodi ta' diversi perijodi ta' leave garantiti mid-dritt Komunitarju fl-aħħar tas-sena, il-ġarr tal-leave annwali jew ta' parti minnu għas-sena sussegwenti jista' jkun inevitabbli [50] peress li l-leave garantit mid-dritt Komunitarju ma jistax jaffettwa d-dritt li wieħed jieħu leave ieħor garantit minn dan id-dritt [51].

44 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 25.

45 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 25.

46 — Direttiva tal-Kunsill Nru 92/85/KEE, tad-19 ta' Ottubru 1992, dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (ĠU L 348, p.1).

47 — Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE, tad-9 ta' Frar 1976, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għall-impjiegi, taħriġ professjonali, promozzjoni, u kondizzjonijiet tax-xogħol (ĠU L 39, p. 40).

48 — Sentenzi tat-12 ta' Lulju 1984, Hoffman (184/83, Ġabra p. I-3047, punt 25); tal-5 ta' Mejju 1994, Habermann-Beltermann (C-421/92, Ġabra p. I-1657, punt 21); tal-14 ta' Lulju 1994, Webb (C-32/93, Ġabra p. I-3567, punt 20); tat-30 ta' April 1998, Thibault (C-136/95, Ġabra p. I-2011, punt 25); tat-2 ta' Ottubru 1998, Boyle *et* (C-411/96, Ġabra p. I-6401, punt 41), u Merino Gómez (iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota 24, punt 32).

49 — Sentenza Merino Gómez (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 24, punt 38).

50 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq fin-nota 24, u s-sentenza tal-14 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-519/03, Ġabra p. I-3067, punt 33).

51 — Sentenza Federatie Nederlandse Vakbeweging (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 24, punt 24), Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 4, punt 33), u Merino Gómez (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 24, punt 41).

58. Għalkemm it-tqala ċertament ma tistax tiġi pparagunata ma' marda, jeżistu diversi raġunijiet biex tiġi applikata din il-ġurisprudenza b'analoġija mar-relazzjoni eżistenti bejn il-leave annwali u l-leave tal-mard. Fil-fatt, l-istess bħal-leave tal-maternità, il-leave tal-mard huwa intiż sabiex jippriżerva l-integrità fiżika u psikika tal-ħaddiem, fis-sens li l-eżenzjoni mill-obbligu tax-xogħol u l-għoti ta' żmien ta' mistrieħ jagħtuh il-possibbiltà li jirkupra fiżikament u sussegwentement jerġa' jintegra ruħu fix-xogħol. B'mod differenti mill-leave annwali, li l-funzjoni tiegħu huwa l-mistrieħ, il-qtugħ mix-xogħol u l-irkupru, il-leave tal-mard huwa intiż esklużivament għall-irkupru u għall-fejqan, jiġifieri għall-fejqan minn stat patoloġiku li l-kawżi tiegħu jinsabu barra mill-influwenza tal-ħaddiem ikkonċernat [52].

59. F'dan ir-rigward, bi qbil mal-argumenti tal-Gvern Taljan u Pollakk, għandu jiġi ppreċiżat li fid-dawl tal-prinċipji żviluppati mill-Qorti tal-Ġustizzja, mhuwiex possibbli li jiġi konkluż li l-leave tal-mard u l-leave annwali jistgħu jinzertaw fl-istess perijodu mingħajr ma jiġu ppreġudikati l-għanijiet differenti tal-leave għall-mistrieħ u l-leave tal-mard. Skond l-idea fundamentali tal-ġurisprudenza ċċitata hawn fuq, għandu jkun ipprojbit li jingħata leave tal-mard bi preġudizzju għal-leave annwali bil-ħlas peress li, inkella, dan id-dritt fundamentali jista' jisfa mċaħħad mill-kontenut tiegħu.

ii) Inkompatibbiltà mal-għan tal-Artikolu 7 (1) tad-Direttiva 2003/88

— Riskju ta' interpretazzjoni li tmur kontra l-għan segwit

60. Minbarra d-dubji espressi fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 fejn jingħad li l-ħaddiem għandu l-possibbiltà li jieħu l-leave annwali tiegħu matul l-assenza tiegħu minħabba mard, wieħed jista' jinvoka bħala argument addizzjonali l-inkompatibbiltà ta' din l-interpretazzjoni mal-għan tad-Direttiva 2003/88 li huwa li tiżgura t-titjib tas-sigurtà u l-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiem.

61. L-għan oriġinali tal-projbizzjoni li teżisti fid-dritt tax-xogħol kontra l-kumulu tal-leave mhux meħud, kif ukoll dik prevista f'ċerti sistemi legali nazzjonali fosthom tal-Ġermanja, jidher li jinsab fil-fatt li jiġi garantit l-użu effettiv tal-leave matul is-sena kurrenti,

52 — González Ortega, S., iċċitat iktar 'il fuq fin-nota 22, p. 432, josserva li l-ewwel fażi tal-leave tal-maternità sservi għall-irkupru fiżiku u/jew għall-protezzjoni bijoloġika tal-omm wara l-wild. Din il-fażi għandha għaldaqstant għan ieħor minbarra dawk tal-fażijiet suċċessivi ta' dan il-leave li għandhom bħala għan il-kura tat-tarbija kif ukoll is-sostenn tar-relazzjoni tal-omm mat-tarbija. L-awtur jislet analoġija bejn din l-ewwel fażi tal-leave tal-maternità u l-leave tal-mard u jargumenta għalhekk favur l-applikazzjoni b'analoġija tal-ġurisprudenza dwar ir-rapport eżistenti bejn il-leave tal-maternità u l-leave annwali għar-rapport eżistenti bejn il-leave tal-mard u l-leave annwali.

b'tali mod li l-ħaddiem isir responsabbli għall-implementazzjoni tad-dritt għal-leave tiegħu. Skond dan l-approċċ, jidher manifestament loġiku li l-ħaddiem jiġi mġiegħel ibati l-konsegwenza tal-passività tiegħu jew tat-tardività tad-deċiżjoni tiegħu li jitlob il-leave billi jitlef dan id-dritt [53].

62. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-għan oriġinali tal-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema, li fuqu hija bbażata din il-leġiżlazzjoni u li, bħala tali, huwa identiku għal dak tad-Direttiva 2003/88, jiġi kompletament żnaturat meta l-ħaddiem ma jkunx jista' jeżerċita d-dritt għal-leave tiegħu minħabba raġunijiet indipendenti mill-volontà tiegħu. Fost dawn ir-raġunijiet jeżistu, minn naħa, il-possibbiltà ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni intenzjonata tal-obbligi ta' min iħaddem, li barra minn hekk huwa ppremjat b'din il-leġiżlazzjoni, u min-naħa l-oħra, elementi ta' forza maġġuri li huma naturali u mhumiex taħt il-kontroll tal-persuna interessata.

63. Fiż-żewġ każijiet, it-telf tad-dritt għal-leave għandu mhux biss l-effett li l-għan imfittex ma jintlaħaqx, iżda wkoll li dan it-telf ikun fl-aħħar mill-aħħar ekwivalenti għal penalizzazzjoni oġġettivament mhux ġustifikata tal-ħaddiem. Tali effett imur manifestament kontra l-għan tad-Direttiva 2003/88. Konsegwentement, l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 ma jistax jiġi interpretat fis-sens li l-inkapaċità li ħaddiem imur għax-xogħol minħabba mard twassal għat-telf tad-dritt għal-leave annwali minimu garantit mid-drittijiet fundamentali.

— Interpretazzjoni fid-dawl tal-interessi tal-partijiet fil-kuntratt tax-xogħol

64. Bil-kontra tal-affermazzjonijiet tal-konvenuta, huwa fil-fatt possibbli li tingħata interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1) tad-Diret-

53 — Glaser, R./Lüder, H., "§ 7 BUrlG auf dem Prüfstand des EuGH — Anmerkungen zum Vorlagebeschluss des LAG Düsseldorf", *Betriebs-Berater*, 61 Sena (2006), Volum 49, p. 2692, isostnu li t-theddida tat-telf tad-dritt għal-leave twassal preċiżament sabiex fil-fatt jittieħed il-leave u jittieħed fit-termini stabbiliti. García Perrote Escartín, I., (iċċitat iktar 'il fuq fin-nota 22, p. 3592 u 3600), josserva li din il-projbizzjoni ta' kumulu tal-leave hija maħsuba biex tippermetti lill-ħaddiem effettivament igawdi mid-dritt tiegħu għal-leave. Skond din l-idea, il-ħaddiem iġorr il-"piż" biex jiddefendi d-dritt għal-leave tiegħu. Madankollu, l-awtur jinnota li din il-projbizzjoni tinvolvi numru ta' żvantaġġi. Hija tista' wkoll ikollha effett "boomerang" fuq il-ħaddiema li huwa maħruf mill-ispeċjalisti fid-dritt tax-xogħol, fis-sens li fl-aħħar mill-aħħar ikun possibbli li l-ħaddiem jitlef kompletament id-dritt għal-leave tiegħu u dan iwassal sabiex jinkoraġġixxi l-aġir illegali ta' min iħaddem. L-awtur isostni li leġiżlazzjoni ta' dan it-tip tiġġustifika azzjonijiet illegali u toffri l-possibbiltà ta' arrikkiment inġust ta' min iħaddem. Fil-fatt, min iħaddem jista' jara kif jista' jtellef lill-ħaddiem mid-dritt għal-leave tiegħu mingħajr ma jkun obbligat iħallas kumpens. Dan ikollu bħala konsegwenza li dak li jiġi ppenalizzat ma jkunx dak li huwa responsabbli għall-illegalità (min iħaddem) iżda minflok dak li ma jkunx f'pożizzjoni li jinvoka d-drittijiet tiegħu (il-ħaddiem).

tiva 2003/88 li tieħu inkunsiderazzjoni l-interessi ta' min iħaddem u li fl-istess ħin tillimita inqas id-dritt fundamentali għal-leave annwali mħallas mil-limitazzjoni li timponi l-leġiżlazzjoni Ġermaniża inkwistjoni. Bħalma esponiet ġustament il-Kummissjoni, jidher li huwa ġustifikat li Stat Membru jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li, fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà tal-ħaddiema, id-drittijiet għal-leave, pereżempju, jinġarru biss f'każ ta' neċessità. Huwa possibbli wkoll li jiġu adottati miżuri li jħajru lill-ħaddiema jieħdu l-leave annwali tagħhom matul perijodu raġonevoli fis-sena sussegwenti.

65. It-traspożizzjoni konkreta ta' dawn il-miżuri mill-impriżi, għal darba oħra, hija r-responsabbiltà tal-persuni li jħaddmu li, bis-saħħa tas-setgħat ta' organizzazzjoni u koordinazzjoni tagħhom [54], huma f'pożizzjoni li jikkonċiljaw id-dritt għal-leave tal-ħaddiema mal-bżonnijiet tal-impriżi.

54 — Id-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju dwar il-protezzjoni soċjali u teknika tax-xogħol jieħdu inkunsiderazzjoni l-bżonnijiet globali ta' organizzazzjoni u ta' koordinazzjoni ta' min iħaddem inkwantu, skond l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 89/391/KEE, tat-12 ta' Ġunju 1989, dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol, huma obbligati li jiżguraw is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema f'kull aspett marbut max-xogħol. Fl-aħħar nett ara s-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (Ġabra p. I-4619, punti 40 u 41), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat l-obbligu ta' min iħaddem li jiżgura s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema.

iii) Paragun mar-regoli previsti fil-Konvenzjoni Nru 132 tal-ILO

66. Barra minn hekk, kontra r-rabta tad-dritt għal-leave mal-kapaċità għax-xogħol ta' ħaddiem jista' jiġi invokat ukoll il-kliem espliċitu tal-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni Nru 132 tal-ILO, fejn jingħad li "l-assenzi mix-xogħol minħabba raġunijiet indipendenti mill-volontà tal-persuna impjegata kkonċernata, bħalma huma l-assenzi dovuti għal mard, aċċident jew leave għall-maternità, għandhom jingħaddu fil-perijodu tas-servizz" [55]. Barra minn hekk, l-Artikolu 6(2) ta' din l-istess konvenzjoni jgħid b'mod ċar li "il-perijodi ta' inkapaċità għax-xogħol li tirriżulta minn mard jew minn aċċidenti ma jistgħux jiġu kkalkolati fil-leave minimu annwali bil-ħlas stabbilit".

67. Għaldaqstant, dawn id-dispożizzjonijiet, b'mod konformi mal-għan tagħhom, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-leave tal-mard li jkun intalab qabel ma jistax jippreġudika l-leave annwali minimu bil-ħlas [56]. Għal-

55 — L-ekwivalenza tal-mard u tal-maternità fir-rigward tal-konsegwenzi ġuridiċi tal-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni tal-ILO Nru 132 tikkonferma barra minn hekk l-idea stabbilita fil-punt 60 li fiż-żewġ każijiet il-livell ta' protezzjoni tal-ħaddiema huwa ugwali.

56 — F'dan is-sens, ara García Perrote Escartín, iċċitat iktar 'il fuq fin-nota 22, p. 3584 u 3595.

kemm huwa minnu li l-Istati firmatarji — u l-parti l-kbira tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma fil-fatt firmatarji [57] — għandhom jiżguraw dan "taħt kundizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità kompetenti jew permezz tal-proċeduri adattati f'kull pajjiż", il-kompetenza tal-Istati Membri, anki f'dan il-każ, hija limitata għall-adozzjoni ta' miżuri ta' applikazzjoni, b'tali mod li huma għandhom ikunu pprojbiti min-nuqqas ta' kunsiderazzjoni ta' dawn l-assenzi mix-xogħol bħala perijodi ta' servizz.

68. Għalhekk, essenzjalment, ir-regoli tal-Konvenzjoni Nru 132 tal-ILO u dawk tad-Direttiva 2003/88 jaqblu fil-prinċipji ġuridiċi tagħhom [58]. Konsegwentement, l-Istati Membri huma obbligati li jinterpretaw dawn ir-regoli u li jorganizzaw is-sistema legali tagħhom b'tali mod li l-assenzi mix-xogħol minħabba mard ma jaffettwawx id-dritt għal-leave annwali minimu bil-ħlas.

B — *Fuq it-tieni domanda*

69. It-tieni domanda tirrigwarda l-portata leġiżlattiva tad-dritt għall-pagament kumpensatorju previst fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88. Id-dritt għall-pagament li jikkumpensa għal-leave, jiġifieri l-kumpens għal-leave li ma jitħeħidx, jissostitwixxi l-għoti ta' ħin liberu fil-każ fejn, wara t-terminazzjoni tal-kuntratt, il-leave ma jistax jittieħed iktar. Dan id-dritt jikkostitwixxi l-unika eċċezzjoni għall-projbizzjoni tal-prinċipju tal-kumpens previst fid-Direttiva li normalment tipprojbixxi b'mod kategoriku lill-partijiet f'kuntratt ta' impjieg milli jissostitwixxu l-leave annwali b'pagament kumpensatorju, u dan indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk dan kellux jittieħed fis-sena kurrenti jew fis-sena sussegwenti.

70. Skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, din il-projbizzjoni hija intiża

57 — L-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea huma membri tal-ILO. Min-naħa l-oħra, il-Komunità Ewropea mhijiex membru, iżda, wara l-iskambju ta' ittri bejn il-Kummissjoni Ewropea u d-Direttur Ġenerali tal-ILO tal-14 ta' Mejju 2001, dawn iż-żewġ organizzazzjonijiet għandhom l-istess ħsieb komuni li jippromwovu l-progress ekonomiku u soċjali, li jtejbu l-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol u jippromwovu l-impjieg (ĠU, C 165, p. 23). Wara l-ewwel ftehim konklużbejn l-ILO u l-Komunitajiet fl-1958, iż-żewġ organizzazzjonijiet saħħew progressivament il-kooperazzjoni tagħhom fid-dawl ta' dawn l-objettivi. Fuq livell istituzzjonali, il-Kummissjoni Ewropea għandha l-istatus ta' osservatur. Hija tipparteċipa fil-koordinazzjoni tal-pożizzjoni tal-Istati Membri tal-Komunità Ewropea fi ħdan l-ILO, sabiex tiżgura b'dan il-mod li jkun ħemm qbil fir-regoli tal-ILO u r-regoli Komunitarji u tiffaċilita b'dan il-mod ir-ratifika tar-regoli tal-ILO. Sal-ġurnata tal-lum, il-pajjiżi li ser insemmi rratifikaw il-Konvenzjoni Nru 132: il-Belġju (fit-2 ta' Ġunju 2003), ir-Repubblika Ċeka (fit-23 ta' Awwissu 1996), il-Finlandja (fil-15 ta' Jannar 1990), il-Ġermanja (fl-1 ta' Ottubru 1975), l-Ungerija (fid-19 ta' Awwissu 1998), l-Irlanda (fl-20 ta' Ġunju 1974), l-Italja (fit-28 ta' Lulju 1981), l-Estonja (fl-10 ta' Ġunju 1994), il-Lussemburgu (fl-1 ta' Ottubru 1979), Malta (fid-9 ta' Ġunju 1988), il-Portugall (fis-17 ta' Marzu 1981), is-Slovenja (fid-29 ta' Mejju 1992), Spanja (fit-30 ta' Ġunju 1972), u l-Isvezja (fis-7 ta' Ġunju 1978). Stati Membri oħra bħalma huma l-Bulgarija (29 ta' Diċembru 1949), id-Danimarka (fit-22 ta' Ġunju 1939), Franza (fit-23 ta' Awwissu 1939), il-Greċja (fit-13 ta' Ġunju 1952) u l-iSlovakkja (fl-1 ta' Jannar 1993) għadhom sal-lum firmatarji tal-Konvenzjoni qadima Nru 52. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li mhuwiex rari li l-konvenzjonijiet tal-ILO ikollhom effetti prattiċi għaliex, peress li jservu ta' mudell, huma għandhom influwenza fuq l-iżvilupp tad-dritt ta' diversi Stati, u dan anki mingħajr ratifika formali (f'dan ir-rigward ara Verdier, J.-M., "L'apport des normes de l'OIT au droit français du travail", *Revue internationale du Travail*, Volum 132, 1993, Nru 5-6, p. 474 u 478; Kohl, H., "Pas de paix possible sans une politique sociale internationale", *Regards sur l'avenir de la justice sociale — Mélanges à l'occasion du 75e anniversaire de l'OIT*, Genève 1994, p. 177).

58 — Għaldaqstant mhuwiex neċessarju li tiġi eżaminata l-kwistjoni dwar sa liema livell l-Istati membri huma marbutin bl-obbligi differenti li jirriżultaw minn parti mill-Konvenzjoni Nru 132 tal-ILO u mid-Direttiva 2003/88. F'dan ir-rigward, ara l-ispjegazzjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano tal-24 ta' Jannar 1991,fil-kawża Stöckel (sentenza tal-25 ta' Lulju 1951, C-345/89, Ġabra p. I-4047, punt 11).

sabiex tiżgura li l-ħaddiem ikun jista' jibbenefika minn mistrieħ effettiv, u dan sabiex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tas-sigurtà u s-saħħa tiegħu [59]. B'hekk l-għan huwa li jiġi evitat li jkun hemm "bejgħ" abbużiv tad-dritt għal-leave minn min iħaddem u/jew rinunzja min-naħa tal-ħaddiem għal-leave minħabba raġunijiet sempliċiment finanzjarji [60].

71. L-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 jenfasizza l-funzjoni taż-żamma tal-pagament tar-remunerazzjoni matul il-perijodu tal-leave li tikkonsisti fil-fatt li l-ħaddiem, waqt l-imsemmi leave, jitqiegħed f'sitwazzjoni li, f'termini ta' paga, hija komparabbli mal-perijodi tax-xogħol [61]. Fi kliem ieħor, ir-rekwiżit tal-pagament ta' dan il-kumpens għal-leave huwa intiż sabiex jiggarantixxi li l-ħaddiem, fuq livell ekonomiku, jitqiegħed f'sitwazzjoni li tippermettilu jeżerċita b'mod effettiv id-dritt għal-leave tiegħu [62]. Il-kumpens għal-leave ma għandu l-ebda skop ieħor. Fil-fatt, dan il-kumpens sostituttiv, fil-prinċipju, huwa intiż sabiex jippermetti lill-ħaddiem li jieħu perijodu ta' serħan wara t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' impjieg u qabel ma jikkonkludi kuntratt ġdid [63]. Konsegwentement, it-telf ta' dan il-kumpens ikollu l-effett li l-għan tad-Direttiva 2003/88 ta' serħan tal-ħaddiem ma jkunx jista' jintlaħaq.

72. Fis-sentenza Robinson-Steele [64], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 2003/88 tqis li d-dritt għal-leave annwali u d-dritt għall-ħlas tal-leave annwali jikkostitwixxu żewġ aspetti tal-istess dritt. Jiena nsostni li din l-identiċità fil-funzjoni bejn id-dritt għall-paga u d-dritt għall-pagament kumpensatorju għal-leave twassal sabiex dan id-dritt ta' kumpens jiġi kkunsidrat ukoll bħala parti inseparabbli mid-dritt għal-leave annwali minimu bil-ħlas.

73. F'dan ir-rigward, ir-risposta għat-tieni domanda tirriżulta diġà mill-osservazzjonijiet li saru fl-ewwel parti tal-ewwel domanda. Fil-fatt, għalkemm il-fatt li d-dritt għal-leave annwali bil-ħlas jintilef awtomatikament mal-iskadenza ta' terminu speċifiku jmur kontra l-għan tad-Direttiva 2003/88, kif diġà ġie spjegat, dan għandu japplika bl-istess mod għad-dritt għall-pagament kumpensatorju li huwa marbut mad-dritt għal-leave bħala dritt kumpensatorju.

74. Min-naħa l-oħra, wieħed ma jistax jaċċetta l-argument tal-konvenuta li l-prospett li, mat-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' impjieg, wieħed ikollu jikkumpensa n-numru kunsi-

59 — Sentenzi BECTU (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 7, punt 44); Merino Gómez (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 24, punt 30), u Robinson-Steele (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 26, punt 60).

60 — Fis-sentenza Federatie Nederlandse Vakbeweging (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 24, punt 32), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-possibbiltà ta' kumpens finanzjarju minflok il-leave minimu annwali toħloq inċentiv, li huwa inkompatibbli mal-għanijiet tad-direttiva, sabiex wieħed jirrinunzja għal-leave tal-mistrieħ jew sabiex iġġiegħel lill-ħaddiema jirrinunzjaw għalih. Fenski, M., "Urlaubsrecht im Umbruch?", *Der Betrieb*, Volum 12 (2007), p. 688, kif ukoll Jacobsen, K., *Münchener Anwaltshandbuch Arbeitsrecht* (Editur Wilhelm Moll), l-ewwel edizzjoni fl-2005, Artikolu 25, punt 102, jirreferu għall-prattika illegali li tikkonsisti fix-"xiri" tal-leave matul l-eżistenza tar-relazzjoni ta' impjieg.

61 — Sentenza Robinson-Steele (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 26, punt 58).

62 — Bogg, A.L., "The right to paid annual leave in the Court of Justice: the eclipse of functionalism", European Law Review, Vol. 31 (2006), Nru 6, p. 899.

63 — Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano fil-kawża BECTU (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 7, punt 38).

64 — Iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 28, punt 58.

derevoli ta' ġranet tal-leave li jakkumulaw matul is-snin, jista' jħajjar lil min iħaddem biex ikeċċi ħaddiema li huma fuq leave talmard għal żmien twil. Fil-fatt, wieħed jista' jirribatti li huwa proprju n-nuqqas ta' obbligu ta' min iħaddem biex jikkumpensa l-leave li ma jitteħidx li jista' jinkoraġġixxi t-tkeċċija ta' ħaddiema qabel jingħatalhom il-leave, u dan minħabba li inkella, huwa jkun marbut jirrispetta d-dritt tal-ħaddiem għal-leave annwali minimu skond l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88. Jekk wieħed irid jevita li jsir użu abbużiv mid-dritt ta' tkeċċija biex jiġi evitat dan id-dritt fundamentali garantit middritt Komunitarju, allura l-ħaddiem, matterminazzjoni tar-relazzjoni ta' impjieg, għandu dejjem ikollu d-dritt għal kumpens li jagħmel tajjeb għal-leave li jkun dovut u li ma tteħidx.

75. Bl-istess mod, analiżi ġuridika komparattiva tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni Nru 132 ma tippermettix li wieħed jasal għal konklużjoni differenti. L-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni jipprovdi għad-dritt talħaddiem għal pagament kumpensatorju proporzjonat mat-tul ta' żmien tal-perijodu fisservizz li għalih huwa jkun għadu ma ħax leave. Sa fejn id-dritt għall-pagament kumpensatorju tal-leave huwa marbut ukoll maddritt għal-leave annwali minimu inkwantu dritt primarju, wieħed għandu jibbaża ruħu fuq l-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni fejn jingħad li l-assenzi mix-xogħol għal raġunijiet indipendenti mill-volontà tal-persuna impjegata, bħalma huma l-assenzi dovuti għal mard, minħabba aċċident jew minħabba l-leave tal-maternità, għandhom jingħaddu mal-perijodu fis-servizz [65]. Konsegwentement, l-inkapaċità għax-xogħol minħabba mard ma jistax ikollu effetti negattivi fuq id-dritt għall-pagament kumpensatorju talleave.

76. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, jeħtieġ li l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 jiġi interpretat fis-sens li mat-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' impjieg, il-ħaddiem għandu f'kull każ id-dritt għall-pagament kumpensatorju li jissostitwixxi l-leave li jkun dovut u li ma tteħidx.

C — *Fuq it-tielet domanda*

77. Kif diġà urejt, mill-interpretazzjoni teleoloġika tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88 [66] kif ukoll mill-kunsiderazzjoni ġuridika esposta fl-Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni Nru 132 tal-ILO [67] jirriżulta li l-perijodu talmard huwa ekwivalenti għall-perijodu fisservizz peress li l-assenza hija ġġustifikata minn raġunijiet li huma indipendenti millvolontà tal-ħaddiem u li, għaldaqstant, huma ġġustifikati.

78. Din hija r-raġuni għaliex, fl-istess perijodu speċifiku, jiġu mnissla d-drittijiet kollha tal-ħaddiem, inkluż id-dritt għal-leave

65 — Ara l-punt 66.

66 — Ara l-punti 55 sa 65.
67 — Ara l-punti 66 sa 68.

annwali bil-ħlas, li jista' jittieħed meta l-kapaċità li l-ħaddiem imur għax-xogħol terġa' tiġi stabbilita, jew li, mat-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' impjieg, jista' jiġi kkumpensat bil-pagament ta' kumpens, anki f'każ ta' inkapaċita totali għax-xogħol.

79. L-intitolament tad-dritt għal-leave annwali u tad-dritt għall-kumpens, minnu nnifsu, mhuwiex suġġett għall-kundizzjoni li jkun sar xogħol effettiv preċedentement b'tali mod li l-ħaddiem ikollu dawn id-drittijiet anki jekk huwa kien assenti matul is-sena kollha ta' referenza minħabba mard.

80. Fir-rigward tad-domanda sussidjarja addizzjonali dwar jekk dawn id-drittijiet jiġux imnissla ukoll f'każ ta' assenza mhux ġustifikata matul is-sena ta' referenza kollha, għandu jiġi mfakkar li mill-ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-proċedura tar-rinviju preliminari stabbilita mill-Artikolu 234 KE hija strument ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, li biha l-imsemmija Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi lill-qrati nazzjonali l-elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju li jkunu meħtieġa minnhom għas-soluzzjoni tal-kawża quddiemhom [68].

81. Fil-kuntest ta' din il-kooperazzjoni, hija biss il-qorti nazzjonali, li jkollha l-kawża quddiemha u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tingħata, li tevalwa, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari kollha tal-kawża, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li jagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-relevanza tal-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, peress li d-domandi li saru jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-prinċipju, għandha tiddeċiedi [69].

82. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li f'ċirkustanzi eċċezzjonali, hija tista' teżamina l-kundizzjonijiet li fihom il-każ ġie mressaq quddiemha mill-qorti nazzjonali sabiex tara jekk hija għandhiex ġurisdizzjoni. Ir-rifjut milli tiddeċiedi fuq domanda preliminari magħmula mill-qorti nazzjonali mhuwiex possibbli ħlief jekk ikun manifestament ċar li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt Komunitarju m'għandha l-ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, fejn il-problema tkun ta' natura ipotetika jew ukoll meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex l-elementi fattwali u ta' dritt meħtieġa biex twieġeb utilment għad-domandi magħmulha quddiemha [70].

83. Fil-fatt, l-ispirtu ta' kollaborazzjoni li għandu jipprevali fil-proċedura tar-rinviju preliminari jimplika li, min-naħa tiegħu, il-qorti nazzjonali għandha żżomm f'moħħha l-funzjoni mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja, li hija dik li tikkontribwixxi għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri u mhux li tagħti opinjonijiet ta' natura konsultattiva fuq kwistjonijiet ġenerali jew ipotetiċi [71].

68 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Lulju 1992, Meilicke (C-83/91, Ġabra p. I-4871, punt 22), u tal-5 ta' Frar 2004, Schneider (C-380/01, Ġabra p. I-1389, punt 20).

69 — Sentenza Schneider (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 68, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

70 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1981, Foglia (244/80, Ġabra p. 3045, punt 18); tal-15 ta' Ġunju 1995, Zabala Erasun *et* (C-422/93 sa C-424/93, Ġabra p. I-1567, punt 29); tat-12 ta' Marzu 1998, Djabali (C-314/96, Ġabra p. I-1149, punt 19), u Schneider (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 68, punt 22). Ara l-konklużjonijiet reċenti tal-Avukat Ġenerali Tizzano tat-18 ta' Jannar 2005 fil-kawża Längst (C-165/03, punt 45) kif ukoll is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2005 mogħtija fl-istess kawża (Ġabra p. I-5637, punti 30 sa 35).

71 — Sentenza Schneider (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota 68, punt 23).

84. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li r-rikorrent kien ġie ddikjarat marid b'ċertifikat mediku mit-8 ta' Settembru 2004, bla waqfien sat-30 ta' Settembru 2005, u għaldaqstant sal-mument tat-terminazzjoni tar-relazzjoni tal-impjieg. Għaldaqstant, l-assenza tiegħu kienet b'dan il-mod iġġustifikata biċ-ċar b'tali mod li fir-rigward tad-domanda sussidjarja addizzjonali dwar jekk id-dritt għal-leave annwali jew għall-kumpens iqumx ukoll fil-każ ta' assenza mix-xogħol mhux ġustifikata, il-Qorti tal-Ġustizzja m'għandhiex bżonn tagħti risposta minħabba li mhijiex rilevanti għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali.

VII — Konklużjoni

85. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti risposta għad-domandi magħmulin mil-Landesarbeitsgerichts ta' Düsseldorf bil-mod kif ġej:

1) L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ħaddiema għandhom f'kull każ jibbenefikaw mil-leave annwali mħallas ta' almenu erba' ġimgħat. Il-leave li ma jitteħidx matul is-sena ta' referenza minħabba mard għandu jingħata suċċessivament.

2) L-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-ħaddiema, f'każ li tiġi terminata r-relazzjoni ta' impjieg tagħhom, għandhom f'kull każ dritt għal ħlas kumpensatorju li jagħmel tajjeb għal-leave li jkun dovut iżda li ma jkunx ittieħed (ħlas kumpensatorju għal-leave li ma tteħidx).

3) L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dritt għal-leave jew għal ħlas kumpensatorju jqum ukoll f'każ ta' assenza ġustifikata (minħabba mard) matul is-sena sħiħa ta' referenza.